C/2024/3975

21.6.2024

**AVVIŻ**

# Gwida għall-Istati Membri dwar ir-Rekwiżiti ta' Informazzjoni għall-Pjanijiet Fiskali-Strutturali fuq Terminu Medju u għar-Rapporti ta' Progress Annwali

(C/2024/3975)

*Ir-Regolament (UE) 2024/1263 dwar il-koordinazzjoni effettiva tal-politiki ekonomiċi u dwar is-sorveljanza baġitarja multilaterali u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 (minn hawn 'il quddiem, "ir-Regolament") jistabbilixxi li, "sabiex jiġu żgurati l-implimentazzjoni effettiva u monitoraġġ xieraq ta' [dan] ir-Regolament, jenħtieġ li l-Kummissjoni tipprovdi gwida f'waqtha, wara li titlob opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju, dwar l-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta mill-Istati Membri fil-pjanijiet fiskali-strutturali nazzjonali fuq terminu medju tagħhom u fir-rapporti ta' progress annwali tagħhom. Jenħtieġ li dik il-gwida ssir pubblika." Dan l-avviż fih din il-gwida. L-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju (KEF) ingħatat fis-7 ta' Ġunju 2024 u l-Kummissjoni ħadet nota tagħha.*

*Din il-gwida hija maħsuba biex tgħin lill-Istati Membri fl-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2024/1263. Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea biss hija kompetenti sabiex tinterpreta b'mod awtorevoli d-dritt tal-Unjoni.*

PARTI A

## REKWIŻITI TA' INFORMAZZJONI GĦALL-PJANIJIET FISKALI-STRUTTURALI FUQ TERMINU MEDJU

### 1. Introduzzjoni

**Din il-gwida tikkonċerna d-dispożizzjonijiet tar-Regolament dwar il-kontenut tal-pjanijiet fiskali-strutturali nazzjonali fuq terminu medju (minn hawn 'il quddiem, "MTP", "il-pjanijiet fuq terminu medju" jew sempliċiment "il-pjanijiet").** Din tipprovdi gwida lill-Istati Membri għat-tħejjija tal-pjanijiet tagħhom, b'mod partikolari dwar: kif għandhom jitħejjew il-pjanijiet b'mod li jiżgura l-impenn politiku u s-sjieda nazzjonali xierqa, filwaqt li jiġi limitat il-piż tar-rapportar; l-informazzjoni meħtieġa biex il-Kummissjoni tivvaluta jekk l-impenji fiskali jirrispettawx ir-rekwiżiti tar-Regolament; l-informazzjoni li għandha tiġi ppreżentata dwar l-impenji ta' investiment u ta' riforma li jirfdu estensjoni tal-perkorsi ta' aġġustament fiskali; u l-informazzjoni li għandha tiġi inkluża dwar ir-rispons tal-Istati Membri għar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż (CSRs, country-specific recommendations) (inkluż skont il-Proċedura ta' Żbilanċ Makroekonomiku) u l-prijoritajiet komuni tal-UE.

**Din il-gwida dwar ir-rekwiżiti ta' informazzjoni għall-pjanijiet fuq terminu medju għandha tinqara flimkien mal-gwida dwar ir-rapporti ta' progress annwali.** Il-biċċa l-kbira tat-tabelli fil-pjanijiet fuq terminu medju u fir-rapporti ta' progress annwali huma simili, filwaqt li jkopru għadd differenti ta' snin, b'ċifri bi status differenti (eżitu, stima, previżjoni jew impenji ta' politika) u jinkludu iktar jew inqas dettalji.

**Fl-ispirtu tas-sjieda nazzjonali, din il-gwida ma tissuġġerix pjanijiet bi struttura mudell stretta.** L-Istati Membri huma liberi li jiddeċiedu dwar id-deskrizzjoni preċiża u l-livell ta' dettall tal-pjanijiet tagħhom — peress li jista' jkollhom ħtiġijiet differenti għall-finijiet nazzjonali tagħhom — dment li l-pjanijiet ikun fihom l-informazzjoni meħtieġa mir-Regolament u diskussa f'dan l-avviż. Biex tassisti lill-Istati Membri fit-tħejjija tal-pjanijiet, din il-gwida tagħti ħarsa ġenerali lejn l-elementi li għandhom jiġu inklużi u li huma indispensabbli biex il-Kummissjoni tivvaluta kif xieraq il-konformità mar-Regolament, kif ukoll mudelli għat-tabelli li jinkludu l-informazzjoni meħtieġa. Il-pjanijiet għandhom fl-aħħar mill-aħħar jinkludu — b'mod ċar — l-informazzjoni li hija meħtieġa biex il-Kunsill u l-Kummissjoni jkunu jistgħu jaċċertaw jekk il-pjanijiet jirrispettawx l-objettivi u r-rekwiżiti stabbiliti fir-Regolament u japprovaw il-pjan permezz ta' Rakkomandazzjoni tal-Kunsill, li l-implimentazzjoni tagħha se tiġi mmonitorjata ([1]).

([1]) L-Istati Membri jistgħu jitolbu assistenza permezz tal-Istrument ta' Appoġġ Tekniku biex isaħħu l-kapaċità u l-għarfien espert fl-oqsma tal-ġestjoni finanzjarja pubblika rilevanti għat-tħejjija tal-pjanijiet tagħhom. Dawn jistgħu jinkludu, fost oħrajn, prattiki ta' bbaġitjar fuq terminu medju, rieżamijiet tal-infiq, analiżi tas-sostenibbiltà tad-dejn, u l-produzzjoni ta' statistika fiskali u makroekonomika.

**L-element ċentrali fi pjan fuq terminu medju huwa l-impenn relatat mar-rata ta' tkabbir tan-nefqa primarja netta ffinanzjata fil-livell nazzjonali (minn hawn 'il quddiem "nefqa netta").** "Nefqa netta" tfisser in-nefqa tal-gvern netta min-nefqa fuq l-imgħax, mill-miżuri ta' dħul diskrezzjonali, min-nefqa fuq programmi tal-Unjoni ffinanzjati bis-sħiħ mid-dħul tal-fondi tal-Unjoni, min-nefqa nazzjonali fuq il-kofinanzjament ta' programmi ffinanzjati mill-Unjoni, mill-elementi ċikliċi tan-nefqa fuq il-benefiċċji tal-qgħad, u minn miżuri ta' darba u miżuri temporanji oħra ([2]). Fil-pjanijiet, l-Istati Membri jimpenjaw ruħhom li jżommu n-nefqa netta f'termini nominali taħt ir-rati ta' tkabbir annwali (u, konsegwentement, anke kumulattiv ([3])) li jiżguraw il-konformità mar-rekwiżiti għas-sostenibbiltà tad-dejn u jirrispettaw is-salvagwardji. Biex iwettaq dan l-impenn, gvern jista' jagħżel bejn trażżin fl-infiq u/jew żidiet tad-dħul diskrezzjonali. Il-pjan fuq terminu medju għandu jiddiskuti l-istrateġija ekonomika u fiskali (miżuri ta' dħul u/jew nefqa, investimenti, riformi strutturali, eċċ.) li beħsiebhom jimplimentaw biex jiżguraw it-twettiq tal-impenji tal-pjan. Tipikament, l-Istati Membri jkunu jistgħu jipprovdu aktar dettall dwar din l-istrateġija għas-snin preċedenti tal-pjan ([4]). F'konformità mal-prattiki tal-Istati Membri, il-baġits annwali mbagħad jikkonfermaw jew jimmodifikaw, kif ukoll jikkwantifikaw, l-istrumenti ta' politika preċiżi li se jiżguraw li l-impenn qed jiġi rrispettat.

**Lista ta' kontroll għall-elementi li għandhom jiġu koperti fil-pjanijiet**

| | Bażi ġuridika fir-Regolament | Koperti fit-Taqsima: | Koperti fit-Tabella: |
|---|---|---|---|
| *Perkors tan-nefqa netta pluriennali (inkluż ir-rispett tar-reżiljenza tad-defiċit u s-salvagwardji tas-sostenibbiltà tad-dejn), kif ukoll ...* | Artikoli 7; 8; 13(a) | Taqsimiet 2.2; 2,4 | Tabella MTP 1a; Tabella MTP 4 |
| *... is-suppożizzjonijiet makroekonomiċi sottostanti u ...* | Artikolu 13(a) | Taqsimiet 2.2; 2.3 | Tabella MTP 1b; Tabella MTP 2 |
| *... il-miżuri fiskali-strutturali ppjanati.* | Artikolu 13(a) | Taqsima 2.6 | Tabella MTP 8 |
| *It-trajettorja referenzjarja jew l-informazzjoni teknika li tintbagħat mill-Kummissjoni.* | Artikolu 13(b) | Taqsima 2.9 | |
| *Meta l-pjan fiskali-strutturali nazzjonali fuq terminu medju jinkludi perkors tan-nefqa netta ogħla milli fit-trajettorja referenzjarja maħruġa mill-Kummissjoni, argumenti ekonomiċi sodi u mmexxija mid-data li jispjegaw id-differenza.* | Artikolu 13(b) | Taqsima 2.9 | |
| *Investimenti u riformi li jirrispondu għall-isfidi ewlenin identifikati fil-kuntest tas-Semestru Ewropew – b'mod partikolari s-CSRs – u li jindirizzaw il-prijoritajiet komuni tal-Unjoni.* | Artikolu 13(c) | Taqsima 2.6 | Tabella MTP 8; Tabella MTP 9 |
| *Azzjonijiet biex jiġu indirizzati s-CSRs rilevanti għall-MIP u twissijiet mill-Kummissjoni / rakkomandazzjonijiet mill-Kunsill.* | Artikolu 13(d) | Taqsima 2.6 | Tabella MTP 8; Tabella MTP 9 |
| *L-impatt tal-investimenti u r-riformi diġà implimentati.* | Artikolu 13(f) | Taqsimiet 2.3; 2,4 | |

([2]) Ara l-Artikolu 2(2) tar-Regolament.

([3]) F'konformità mal-Artikolu 22(2) tar-Regolament, il-Kummissjoni se tistabbilixxi kont ta' kontroll biex iżżomm rendikont tad-devjazzjonijiet kumulattivi 'l fuq u 'l isfel tan-nefqa netta osservata mill-perkors tan-nefqa netta kif stabbilit mill-Kunsill, li għandu jiġi stabbilit mill-ġdid wara l-approvazzjoni mill-Kunsill ta' pjan fiskali-strutturali nazzjonali fuq terminu medju ġdid.

([4]) Meta pjan jiġi ppreżentat bejn wieħed u ieħor fl-istess żmien bħall-abbozz tal-baġit annwali għas-sena li jmiss, iċ-ċifri rrapportati fil-pjan għandhom ikunu konsistenti mad-dettalji stabbiliti fl-abbozz tal-baġit annwali.

| | Bażi ġuridika fir-Regolament | Koperti fit-Taqsima: | Koperti fit-Tabella: |
|---|---|---|---|
| *Informazzjoni relatata mas-suppożizzjonijiet makroekonomiċi u baġitarji ewlenin, ...* | Artikolu 13(g) | Taqsimiet 2.2; 2.3; 2,4; | Tabella MTP 1b |
| *... obbligazzjonijiet impliċiti u kontinġenti, ...* | Artikolu 13(g) | Taqsima 2.5; 2.7 | Tabella MTP 7 |
| *... il-livell previst ta' investiment pubbliku ffinanzjat nazzjonalment, ...* | Artikolu 13(g) | Taqsima 2.4 | Tabella MTP 4 |
| *... il-ħtiġijiet ta' investiment pubbliku inkluż dawk relatati mal-prijoritajiet komuni tal-Unjoni, ...* | Artikolu 13(g) | Taqsima 2.6 | Tabella MTP 10 |
| *... il-konsultazzjoni tal-parlamenti nazzjonali u l-proċess ta' konsultazzjoni organizzat ,....* | Artikolu 13(g); Artikolu 11 | Taqsima 2.1 | |
| *... il-konsistenza u, fejn xieraq, il-komplementarjetà mal-fondi tal-politika ta' koeżjoni u l-Pjan għall-Irkupru u r-Reżiljenza tal-Istat Membru kkonċernat.* | Artikolu 13(g) | Taqsimiet 2.1; 2.6 | Tabella MTP 9 |
| *L-impatt tas-sett ta' impenji ta' riformi u investiment li jirfdu estensjoni tal-potenzjal tat-tkabbir u r-reżiljenza, is-sostenibbiltà fiskali, u l-investiment pubbliku ffinanzjat fil-livell nazzjonali.* | L-Artikolu 14.2; 13(g) | Taqsima 2.6 | |
| *Informazzjoni dwar kif ir-riformi u l-impenji ta' investiment li jirfdu estensjoni jindirizzaw il-prijoritajiet komuni tal-Unjoni u s-CSRs rilevanti (inkluż dawk maħruġa skont l-MIP), u, ...* | L-Artikolu 14.2 | Taqsima 2.6 | Tabella MTP 8 |
| *... għal kull waħda minn dawn ir-riformi u l-investimenti, deskrizzjoni ċara, skeda ta' żmien, u, fejn rilevanti, indikaturi.* | L-Artikolu 14.3; 13(e) | Taqsima 2.6 | Tabella MTP 8 |
| *Konsistenza tas-sett ta' riformi u investimenti għal estensjoni mal-impenji inklużi fl-RRP approvat u l-Ftehim ta' Sħubija maqbul fil-Qafas Finanzjarju Pluriennali.* | L-Artikolu 14.4 | Taqsima 2.6 | Tabella MTP 8 |
| *Jekk il-pjan iservi bħala pjan ta' azzjoni korrettiva taħt l-EIP/MIP, l-azzjoni ta' politika speċifika (li għandha tiġi) implimentata u skeda ta' żmien għal dawk l-azzjonijiet.* | L-Artikolu 31 | Taqsima 2.8 | Tabella MTP 11 |
| *Arranġamenti tranżitorji: L-impenji tal-RRP li għandhom jitqiesu* | L-Artikolu 36 | Taqsima 2.6 | Tabella MTP 8; Tabella MTP 9 |

2. **Kontenut tal-Pjan**

**Din il-gwida tuża għadd ta' konvenzjonijiet meta tirreferi għall-perjodu ta' żmien tal-pjanijiet.** Il-konvenzjoni fit-tabelli hija li s-sena T hija s-sena tal-preżentazzjoni tal-pjan (*is-sena tal-pjan*). Id-*data* sħiħa għas-sena T-1 (l-aħħar sena bid-*data* tal-eżitu, li sservi bħala s-*sena bażi*) hija dejjem meħtieġa ([5]). Is-sena T+1 hija l-*ewwel sena sħiħa tal-implimentazzjoni tal-pjan*. Għalhekk, pjan ta' erba' snin ikopri s-snin sa T+4 u jistabbilixxi impenn fiskali (perkors tan-nefqa netta) sa dik is-sena ([6]).

**Filwaqt li l-perjodu ta' ppjanar standard ta' pjan huwa ta' erba' snin, l-Istati Membri għandhom jippreżentaw pjanijiet li jkopru ħames snin jekk dan iwassal għal allinjament aħjar maċ-ċiklu leġiżlattiv tagħhom** (Artikolu 2(6)). Fil-bqija ta' dan id-dokument, ir-referenzi għal pjanijiet ta' erba' snin għandhom għalhekk dejjem jinftiehmu bħala li jkopru wkoll pjanijiet ta' ħames snin meta jkun xieraq ([7]). Pjan b'perkors ta' aġġustament estiż (u għalhekk aktar gradwali) sa seba' snin, sostnut minn impenji ta' riforma u investiment, għandu wkoll perjodu ta' ppjanar ta' erba' jew ħames snin.

2.1. *Approvazzjoni politika, proċess ta' konsultazzjoni u komplementarjetà mal-fondi tal-UE*

**Il-pjan għandu jipprovdi informazzjoni dwar il-proċess ta' konsultazzjoni organizzat qabel il-preżentazzjoni tal-pjan** (Artikolu 11; Artikolu 13(g)). Sabiex tissaħħaħ is-sjieda nazzjonali, l-Istati Membri għandhom iwettqu proċess ta' konsultazzjoni mas-soċjetà ċivili, is-sħab soċjali, l-awtoritajiet reġjonali u partijiet ikkonċernati rilevanti oħra, f'konformità mal-qafas nazzjonali. Qabel ma jippreżentaw il-pjan, kull Stat Membru jista' jitlob ukoll opinjoni tal-istituzzjoni fiskali indipendenti dwar il-pjan ([8]), u/jew jiddibatti l-abbozz tal-pjan mal-parlament nazzjonali tiegħu. Bħala parti mid-dispożizzjonijiet tranżitorji fl-Artikolu 36(1)(c), għall-ewwel sett ta' pjanijiet fuq terminu medju, l-Istati Membri *jistgħu* jwettqu konsultazzjoni pubblika mas-sħab soċjali, l-awtoritajiet reġjonali, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u partijiet ikkonċernati nazzjonali rilevanti oħra.

**Il-pjan għandu jispjega l-konsistenza u, fejn applikabbli, il-komplementarjetà mal-fondi ta' koeżjoni u (matul il-ħajja tiegħu) mal-Pjan għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRP)** (Artikolu 13(g)). Bħala l-politika ta' investiment fuq terminu twil tal-baġit tal-UE, l-investimenti u r-riformi tal-politika ta' koeżjoni għandhom jitqiesu kif xieraq meta jitfasslu l-pjanijiet fuq terminu medju. Il-pjan jista' jiddeskrivi b'mod utli liema oqsma ta' intervent huma appoġġati mill-fondi tal-politika ta' koeżjoni, kif ukoll kif l-investimenti u r-riformi ppjanati jikkontribwixxu għall-objettivi ta' koeżjoni. Bħala parti mill-arranġamenti tranżitorji matul il-ħajja tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, il-pjan għandu jispjega wkoll kif huwa konsistenti u, fejn applikabbli, komplementari mal-RRP tal-Istat Membru; investimenti u riformi ġodda skont il-pjan fuq terminu medju jistgħu jibnu fuq jew itejbu dawk diġà implimentati bl-RRPs.

2.2. *Ħarsa ġenerali lejn l-impenn fiskali u sommarju tal-varjabbli makroekonomiċi u baġitarji ewlenin*

**Ladarba l-pjan ikun ġie vvalutat u approvat, il-perkors tan-nefqa netta stabbilit mill-Kunsill fir-Rakkomandazzjoni tiegħu jikkostitwixxi r-referenza operattiva unika għas-sorveljanza fiskali matul il-fażi ta' implimentazzjoni.** L-impenn fiskali ċentrali tal-pjan huwa li n-nefqa primarja netta ffinanzjata fil-livell nazzjonali tinżamm taħt ir-rati ta' tkabbir annwali (u, konsegwentement, kumulattiv) li jiżguraw il-konformità mar-rekwiżiti għas-sostenibbiltà tad-dejn u jirrispettaw is-salvagwardji. Dan jikkostitwixxi r-restrizzjoni baġitarja li tinkwadra l-politika fiskali nazzjonali matul il-perjodu tal-ippjanar tal-pjan. It-Tabella MTP 1a tistabbilixxi dak l-impenn (Artikolu 13(a)). Meta pjan jiġi ppreżentat fis-sena T (is-sena tal-pjan), ir-rati ta' tkabbir kumulattiv ikunu ankrati fil-livell tan-nefqa netta fis-sena T-1 (sena bażi) —

([5]) Jekk pjan jiġi ppreżentat fil-bidu ta' sena, pereżempju bejn Jannar u Marzu tas-sena T, qabel ma tkun ġiet ippubblikata d-*data* tal-eżitu għas-sena T-1 mill-Eurostat u l-istituti nazzjonali tal-istatistika, huwa xieraq li r-rati ta' tkabbir kumulattiv jiġu ankrati fil-livelli tas-sena T-2. F'każijiet bħal dawn, is-sena bażi tat-tabelli msemmija f'din il-gwida għandha tkun T-2 (minflok T-1).

([6]) Il-pjan għandu jiddikjara d-data limitu tad-*data* u informazzjoni oħra meqjusa għall-projezzjonijiet makroekonomiċi u baġitarji u għandu juża d-*data* ppubblikata l-aktar reċenti disponibbli f'dik id-data limitu.

([7]) Skont l-Artikolu 15(1), il-perjodu ta' żmien tal-pjan jista' jkun iqsar f'xi każijiet: "*Sa mhux iktar tard minn tnax-il xahar qabel tmiem il-pjan fiskali-strutturali nazzjonali fuq terminu medju attwali, Stat Membru jista' jitlob li jippreżenta pjan fiskali-strutturali nazzjonali fuq terminu medju rivedut lill-Kummissjoni qabel tmiem il-perjodu kopert mill-pjan fiskali-strutturali nazzjonali fuq terminu medju jekk ikun hemm ċirkostanzi oġġettivi li jipprevjenu l-implimentazzjoni tiegħu f'dak il-perjodu. F'dak il-każ, il-pjan fiskali-strutturali nazzjonali fuq terminu medju rivedut għandu jkopri l-perjodu li jibqa' għaddej sa tmiem il-perjodu inizjali tal-pjan.*"

([8]) Jekk disponibbli, l-opinjoni tal-istituzzjoni fiskali indipendenti għandha tiġi mehmuża mal-preżentazzjoni tal-pjan fuq terminu medju lill-Kummissjoni (ara t-Taqsima2.9).

l-aħħar sena li għaliha jkun hemm data tal-eżitu ppubblikata mill-istituti nazzjonali tal-istatistika u l-Eurostat. Imbagħad, pjan ta' erba' snin normalment jimpenja ruħu għal rati ta' tkabbir annwali (u, konsegwentement, kumulattiv) għan-nefqa netta għas-sena li fiha jiġi ppreżentat il-pjan (T) u erba' snin sussegwenti: T+1, T+2, T+3 u T+4 ([9]). Meta l-pjan jinkludi perkors tan-nefqa netta ogħla mit-trajettorja referenzjarja maħruġa mill-Kummissjoni, l-Istat Membru għandu jipprovdi fil-pjan tiegħu argumenti ekonomiċi sodi u mmexxija mid-*data* li jispjegaw id-differenza (ara wkoll it-Taqsima 2.9).

**It-tabella bl-impenji hija kkomplementata b'tabella b'ħarsa ġenerali li tiġbor fil-qosor il-projezzjonijiet għall-varjabbli makroekonomiċi u bażitarji ewlenin** (Artikolu 13(a), Artikolu 13(g)). B'mod partikolari, it-Tabella MTP 1b tiġbor flimkien il-varjabbli ewlenin irrapportati f'tabelli oħra tal-pjan (ara hawn taħt), li huma meħtieġa biex jiġi vvalutat jekk il-perkors tan-nefqa netta propost fil-pjan jilħaqx l-objettivi tas-sostenibbiltà tad-dejn u jirrispettax is-salvagwardji.

*Tabella MTP 1a*

**Impenn fiskali**

| | Impenji | | T-1 | T | T+1 | ... | T+4 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | Nefqa primarja netta ffinanzjata fil-livell nazzjonali | (rata ta' tkabbir) | | XX.X% | XX.X% | ... | XX.X% |
| 2 | | (rata ta' tkabbir kumulattiv) | | ikkalkulata | ikkalkulata | ... | ikkalkulata |

Noti: In-nefqa primarja netta ffinanzjata fil-livell nazzjonali għandha tiġi rrapportata f'termini nominali.

*Tabella MTP 1b*

**Varjabbli ewlenin**

| | | | T-1 | T | T+1 | ... | T+4 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | rata ta' tkabbir | rata ta' tkabbir | rata ta' tkabbir | | rata ta' tkabbir |
| 1 | PDG potenzjali | MTP Tabella 2, linja 26 | XX.X% | XX.X% | XX.X% | ... | XX.X% |
| 2 | Deflatur tal-PDG | MTP Tabella 2, linja 2 | XX.X% | XX.X% | XX.X% | ... | XX.X% |
| | | | % PDG | % PDG | % PDG | | % PDG |
| 3 | Self nett | MTP Tabella 4, linja 31 | XX.X% | XX.X% | XX.X% | ... | XX.X% |
| 4 | Bilanċ strutturali | MTP Tabella 4, linja 33 | XX.X% | XX.X% | XX.X% | ... | XX.X% |
| 5 | Bilanċ primarju strutturali | MTP Tabella 4, linja 34 | XX.X% | XX.X% | XX.X% | ... | XX.X% |
| 6 | Dejn gross | MTP Tabella 4, linja 35 | XX.X% | XX.X% | XX.X% | ... | XX.X% |
| 7 | Bidla fid-dejn gross | MTP Tabella 4, linja 36 | XX.X% | XX.X% | XX.X% | ... | XX.X% |

Noti: Il-varjabbli ewlenin fit-Tabella MTP 1b jippermettu lill-Kummissjoni u lill-Kunsill jimmonitorjaw jekk il-perkors tan-nefqa netta propost fil-pjan jilħaqx l-objettivi tas-sostenibbiltà tad-dejn u s-salvagwardji. Ir-referenza operattiva unika għall-impenn fiskali ta' Istat Membru hija espressa f'termini tar-rati ta' tkabbir tan-nefqa primarja netta ffinanzjata fil-livell nazzjonali (ara t-Tabella MTP 1a).

2.3. *Suppożizzjonijiet makroekonomiċi*

**Il-pjan fuq terminu medju għandu jipprovdi informazzjoni dwar il-projezzjonijiet u s-suppożizzjonijiet dwar varjabbli makroekonomiċi ewlenin, li huma meħtieġa biex jiġi vvalutat jekk ir-rekwiżiti legali dwar is-salvagwardji tas-sostenibbiltà tad-dejn humiex irrispettati** (Artikolu 13(a)). Dan jinkludi projezzjonijiet għat-tkabbir *potenzjali* tal-PDG ([10]), kif ukoll suppożizzjonijiet dwar id-deflatur tal-PDG u r-rati tal-imgħax.

**Il-pjan għandu jippreżenta wkoll xenarju ċentrali u plawżibbli għat-tkabbir tal-PDG (reali u nominali) u, fejn possibbli, jista', b'mod fakultattiv, jipprovdi aktar dettalji dwar il-kompożizzjoni tal-projezzjonijiet tal-PDG.** Ix-xenarju ċentrali u plawżibbli għandu jkun konsistenti mas-suppożizzjonijiet tal-pjan (imsemmija hawn fuq), l-istrateġija ekonomika u fiskali li l-pjan jiddeskrivi, u b'mod partikolari, l-aġġustament fiskali implikat mill-impenn fuq in-nefqa netta. L-għoti ta' aktar dettalji dwar il-kompożizzjoni mistennija tal-projezzjonijiet tal-PDG huwa fakultattiv u indikattiv biss, peress li l-kompożizzjoni tat-tkabbir tiddependi fuq l-ispeċifikazzjoni dettaljata tal-miżuri, li tista' ma tkunx magħrufa f'dettall sħiħ għas-snin kollha tal-pjan ([11]).

([9]) Jekk pjan jiġi ppreżentat fil-bidu ta' sena, pereżempju bejn Jannar u Marzu tas-sena T, is-sena T tista' sservi wkoll bħala l-ewwel sena tal-aġġustament fiskali, u f'dak il-każ il-pjan jimpenja ruħu għal rati ta' tkabbir tan-nefqa netta għal T sa T+3.

([10]) Filwaqt li jirrikonoxxu l-impatt eċċezzjonali ta' xokkijiet ekonomiċi reċenti u l-inċertezza attwali fir-rigward ta' stimi ta' tkabbir potenzjali, l-Istati Membri jistgħu jużaw serje aktar stabbli minn dawk li jirriżultaw mill-metodoloġija maqbula b'mod komuni għall-ewwel grupp ta' pjanijiet, dment li dan ikun ġustifikat kif xieraq b'argumenti ekonomiċi u t-tkabbir akkumulat matul il-perjodu ta' projezzjoni jibqa' ġeneralment konformi (Artikolu 36).

([11]) Is-servizzi tal-Kummissjoni jistgħu jkomplu jitolbu dettalji tekniċi dwar tali varjabbli fil-kuntest ta' proċessi oħra, bħall-iskambji tekniċi mal-Istati Membri bħala parti mill-previżjoni tal-Kummissjoni.

**Is-suppożizzjonijiet makroekonomiċi — inkluż dwar it-tkabbir tal-PDG, l-inflazzjoni, u r-rati tal-imgħax — għandhom ikunu prudenti.** It-tkabbir reali u nominali tal-PDG għandu jirrifletti l-interazzjonijiet bejn l-aġġustament fiskali u t-tkabbir ekonomiku, u l-għeluq tad-distakk fl-output. F'każ ta' devjazzjonijiet mis-suppożizzjonijiet użati fit-trajettorja referenzjarja tal-Kummissjoni, għandhom jiġu pprovduti evidenza jew ġustifikazzjoni soda. B'mod partikolari, jekk l-Istati Membri jużaw *data* aktar reċenti, jew inkella differenti, biex jistabbilixxu r-rati tal-imgħax u s-suppożizzjonijiet tal-inflazzjoni tagħhom, dan għandu jsir b'mod konsistenti fil-varjabbli kollha fil-pjan.

**Il-mod kif ir-riformi strutturali implimentati dan l-aħħar huma kkunsidrati fil-projezzjonijiet tat-tkabbir potenzjali għandu jkun prudenti.** L-effetti relatati jistgħu jeħtieġu diskussjoni dettaljata fil-pjanijiet, b'mod partikolari jekk il-projezzjonijiet tat-tkabbir potenzjali jiddevjaw b'mod sinifikanti minn dawk użati fit-trajettorja referenzjarja tal-Kummissjoni. F'każ bħal dan, evidenza soda u mmexxija mid-*data* jeħtieġ li tappoġġa dawn id-devjazzjonijiet sabiex tissaħħaħ il-kredibbiltà tal-pjan.

**L-impatt mistenni fuq l-attività ekonomika tar-riformi u l-investimenti li għadhom ma ġewx implimentati (*inkluż dawk li jirfdu estensjoni tal-perjodu ta' aġġustament fiskali*) ma għandhomx jitqiesu fl-istimi potenzjali tal-PDG.** Ir-Regolament (Artikolu 13 u Premessa 34) jipprevedi li l-impatt tal-investimenti u r-riformi, *ladarba jiġu implimentati* fil-pjanijiet fuq terminu medju, se jitqies kif xieraq fil-futur, inkluż fit-tfassil ta' pjanijiet sussegwenti. L-impatt ta' riformi u investimenti li għadhom ma ġewx implimentati *ma għandux* jitqies fl-istimi potenzjali tal-PDG. Filwaqt li l-PDG potenzjali huwa wieħed mill-aktar varjabbli rilevanti fid-determinazzjoni tal-ispazju fiskali disponibbli, dawk ir-riformi u l-investimenti li għadhom ma ġewx implimentati se jikkontribwixxu għal aġġustament fiskali aktar gradwali meta jiġu ssodisfati l-kriterji għal estensjoni tal-perjodu ta' aġġustament skont l-Artikolu 14. Madankollu, l-informazzjoni dwar l-impatt mistenni tar-riformi u l-investimenti li jirfdu l-estensjoni tal-perjodu ta' aġġustament għandha tiġi diskussa separatament (ara t-Taqsima 2.6), filwaqt li wieħed ikun konxju li huwa diffiċli li jsiru stimi affidabbli tal-impatt tar-riformi fuq it-tkabbir potenzjali fi kwalunkwe ċirkostanza, u aktar u aktar qabel ma r-riformi jiġu speċifikati bis-sħiħ (li tipikament huwa l-każ biss wara l-konklużjoni tal-proċess leġiżlattiv rispettiv).

*Tabella MTP 2*

**Xenarju makroekonomiku**

| | | | T-1 | T-1 | T | T+1 | ... | T+4 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | PDG | Kodiċi ESA | bn NAC | rata ta' tkabbir | rata ta' tkabbir | rata ta' tkabbir | | rata ta' tkabbir |
| 1 | PDG reali | B.1*g | | XX.X% | XX.X% | XX.X% | ... | XX.X% |
| 2 | Deflatur tal-PDG | | | XX.X% | XX.X% | XX.X% | ... | XX.X% |
| 3 | PDG nominali | B.1*g | XX.X | ikkalkulata | ikkalkulata | ikkalkulata | ... | ikkalkulata |
| | Komponenti tal-PDG reali | Kodiċi ESA | bn NAC | rata ta' tkabbir | rata ta' tkabbir | rata ta' tkabbir | | rata ta' tkabbir |
| 4 | Nefqa fuq il-konsum privat | P.3 | | XX.X% | XX.X% | fakultattiva | ... | fakultattiva |
| 5 | Nefqa fuq il-konsum tal-gvern | P.3 | | XX.X% | XX.X% | fakultattiva | ... | fakultattiva |
| 6 | Formazzjoni grossa tal-kapital fiss | P.51 | | XX.X% | XX.X% | fakultattiva | ... | fakultattiva |
| 7 | Bidliet fl-inventarji u akkwist nett ta' oġġetti ta' valur (% tal-PDG) | P.52 + P.53 | | fakultattiva | fakultattiva | fakultattiva | ... | fakultattiva |
| 8 | Esportazzjonijiet ta' oġġetti u servizzi | P.6 | | XX.X% | XX.X% | fakultattiva | ... | fakultattiva |
| 9 | Importazzjonijiet ta' oġġetti u servizzi | P.7 | | XX.X% | XX.X% | fakultattiva | ... | fakultattiva |
| | Kontribut għat-tkabbir reali tal-PDG | | | | | | | |
| 10 | Domanda domestika finali | | | XX.X | XX.X | fakultattiva | ... | fakultattiva |
| 11 | Bidliet fl-inventarji u akkwist nett ta' oġġetti ta' valur | P.52 + P.53 | | XX.X | XX.X | fakultattiva | ... | fakultattiva |
| 12 | Bilanċ estern ta' oġġetti u servizzi | B.11 | | XX.X | XX.X | fakultattiva | ... | fakultattiva |
| | Deflaturi u HICP | | | rata ta' tkabbir | rata ta' tkabbir | rata ta' tkabbir | | rata ta' tkabbir |
| 13 | Deflatur tal-konsum privat | | | XX.X% | XX.X% | fakultattiva | ... | fakultattiva |
| 14 | p.m. HICP | | | XX.X% | XX.X% | fakultattiva | ... | fakultattiva |
| 15 | Deflatur tal-konsum tal-gvern | | | XX.X% | XX.X% | fakultattiva | ... | fakultattiva |
| 16 | Deflatur tal-investiment | | | XX.X% | XX.X% | fakultattiva | ... | fakultattiva |
| 17 | Deflatur tal-prezz tal-esportazzjoni (oġġetti u servizzi) | | | XX.X% | XX.X% | fakultattiva | ... | fakultattiva |
| 18 | Deflatur tal-prezz tal-importazzjoni (oġġetti u servizzi) | | | XX.X% | XX.X% | fakultattiva | ... | fakultattiva |
| | Suq tax-xogħol | Kodiċi ESA | livell | rata ta' tkabbir | rata ta' tkabbir | rata ta' tkabbir | | rata ta' tkabbir |
| 19 | Impjieg domestiku (1000 persuna, kontijiet nazzjonali) | | XX.X | XX.X% | XX.X% | fakultattiva | ... | fakultattiva |
| 20 | Sigħat annwali medji maħduma għal kull persuna impjegata | | XX.X | XX.X% | XX.X% | fakultattiva | ... | fakultattiva |
| 21 | PDG reali għal kull persuna impjegata | | | ikkalkulata | ikkalkulata | ikkalkulata | ... | ikkalkulata |
| 22 | PDG reali għal kull siegħa maħduma | | | ikkalkulata | ikkalkulata | ikkalkulata | ... | ikkalkulata |
| 23 | Kumpens lill-impjegati (bn NAC) | D.1 | XX.X | XX.X% | XX.X% | fakultattiva | ... | fakultattiva |
| 24 | Kumpens għal kull impjegat (= 23 / 19) | | ikkalkulata | ikkalkulata | ikkalkulata | ikkalkulata | ... | ikkalkulata |
| | | | | % | % | % | | % |
| 25 | Rata tal-qgħad (%) | | | XX.X% | XX.X% | fakultattiva | ... | fakultattiva |
| | PDG potenzjali u komponenti | | | rata ta' tkabbir | rata ta' tkabbir | rata ta' tkabbir | | rata ta' tkabbir |
| 26 | PDG potenzjali | | | XX.X% | XX.X% | XX.X% | ... | XX.X% |
| | Kontribut għat-tkabbir potenzjali | | | | | | | |
| 27 | Xogħol | | | XX.X | XX.X | fakultattiva | ... | fakultattiva |
| 28 | Kapital | | | XX.X | XX.X | fakultattiva | ... | fakultattiva |
| 29 | Produttività tal-fattur totali | | | XX.X | XX.X | fakultattiva | ... | fakultattiva |
| | | | | % PDG potenjali | % PDG potenjali | % PDG potenjali | | % PDG potenjali |
| 30 | Distakk fl-output | | | XX.X% | XX.X% | XX.X% | ... | XX.X% |

Nota: Jekk pjan jiġi ppreżentat qabel ma tkun ġiet ippubblikata d-*data* tal-eżitu għas-sena T-1 mill-Eurostat u l-istituti nazzjonali tal-istatistika, is-sena bażi għandha tkun T-2 (minflok T-1). "bn NAC" tirreferi għall-munita nazzjonali f'biljuni.

Il-pjan fuq terminu medju għandu jsemmi s-suppożizzjonijiet esterni li jirfdu l-projezzjonijiet makroekonomiċi u bażitarji (Tabella MTP 3).

*Tabella MTP 3*

**Suppożizzjonijiet esterni**

| | | | T-1 | T | T+1 | ... | T+4 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | Rata tal-imgħax fuq terminu qasir | (%, medja annwali) | XX.X% | XX.X% | XX.X% | ... | XX.X% |
| 2 | Rata tal-imgħax fuq terminu twil | (%, medja annwali) | XX.X% | XX.X% | XX.X% | ... | XX.X% |
| 3 | Rata tal-kambju USD/EUR | (medja annwali) | XX.X | XX.X | fakultattiva | ... | fakultattiva |
| 4 | Rata tal-kambju NAC/EUR (għal Stati Membri li mhumiex fiż-ŻE biss) | (medja annwali) | XX.X | XX.X | fakultattiva | ... | fakultattiva |
| 5 | PDG reali dinji (minbarra l-UE) | (rata ta' tkabbir) | XX.X% | XX.X% | fakultattiva | ... | fakultattiva |
| 6 | PDG reali tal-UE | (rata ta' tkabbir) | XX.X% | XX.X% | fakultattiva | ... | fakultattiva |
| 7 | Volumi ta' importazzjoni dinjija, minbarra l-UE | (rata ta' tkabbir) | XX.X% | XX.X% | fakultattiva | ... | fakultattiva |
| 8 | Prezzijiet taż-żejt | (Brent, USD/barmil) | XX.X | XX.X | fakultattiva | ... | fakultattiva |

2.4. *Projezzjonijiet baġitarji*

**Kif imsemmi hawn fuq, l-impenn ċentrali tal-pjan għall-politika fiskali fit-terminu medju huwa r-rata ta' tkabbir tan-nefqa netta.** Ir-rati ta' tkabbir annwali (u, konsegwentement, kumulattiv) li l-gvern jimpenja ruħu għalihom fil-pjan, jikkostitwixxu r-restrizzjoni baġitarja li tinkwadra l-politika fiskali nazzjonali matul il-perjodu ta' ppjanar tal-pjan. Għalhekk, ir-rata ta' tkabbir tan-nefqa netta se tkun ir-referenza operattiva unika għall-valutazzjoni tal-implimentazzjoni u l-iskattar ta' azzjonijiet ta' infurzar ([12]).

**It-test tal-pjan għandu jiddiskuti l-istrateġija ekonomika u fiskali għall-perjodu tal-pjan, li tirfed l-aġġustament fiskali relatat.** B'mod partikolari, l-Istati Membri għandhom jiddeskrivu l-kompożizzjoni ġenerali tal-aġġustament fiskali, il-politiki ġenerali dwar id-dħul u n-nefqa li beħsiebhom isegwu biex jiksbu l-aġġustament u, fejn possibbli, jipprovdu sett indikattiv ta' miżuri ta' politika, fid-dettall kollu li jkun disponibbli fiż-żmien tal-preżentazzjoni ([13]). L-Istati Membri jistgħu jew possibbilment ma jkunux jistgħu, jindikaw il-miżuri speċifiċi ta' nefqa u dħul li se jiżguraw li l-impenn tan-nefqa netta jitwettaq matul il-perjodu tal-pjan. Għalkemm il-valutazzjoni tal-pjan se tkun ibbażata fuq it-tkabbir nett fin-nefqa u r-rispett tar-rekwiżiti fir-Regolament, id-dettalji dwar sett indikattiv ta' miżuri ta' politika jżidu mal-kredibbiltà ta' pjan u jnaqqsu r-riskji tal-implimentazzjoni. L-istrateġija ekonomika u fiskali tal-pjan, kif ukoll kwalunkwe dettall dwar miżuri ta' politika indikattivi, huma diskussi bħala parti mid-djalogi tekniċi mal-Kummissjoni. L-ispeċifikazzjoni preċiża tal-miżuri ta' politika rilevanti tiġi mbagħad ikkonfermata jew aġġustata u kkwantifikata fil-baġits annwali.

**Il-projezzjonijiet baġitarji fil-pjan għandhom jiffukaw fuq il-parametri baġitarji ewlenin (bħad-defiċit nominali u d-dejn)** ([14])**.** Dawn il-parametri għandhom ikunu konsistenti mal-impenji baġitarji u s-suppożizzjonijiet makroekonomiċi ewlenin (bħall-PDG potenzjali, il-PDG, l-iżviluppi fil-prezzijiet, ir-rati tal-imgħax, eċċ.). Minbarra r-rata ta' tkabbir tan-nefqa netta, id-defiċit u d-dejn, il-pjan fuq terminu medju għandu jirrapporta dwar l-investiment pubbliku ppjanat iffinanzjat fil-livell nazzjonali (Artikolu 13(g)) u n-nefqa fuq l-imgħax. Għas-snin T-1 u T, it-Tabella MTP 4 u t-Tabella MTP 5 għandhom jispeċifikaw ukoll l-impatt baġitarju stmat tal-miżuri tad-dħul ([15]) u tal-miżuri ta' darba (kemm fuq in-naħa tad-dħul kif ukoll fuq in-naħa tan-nefqa). Fit-Tabella MTP 5, il-miżuri tan-nefqa (għajr dawk ta' darba) jistgħu jiġu inklużi wkoll, iżda dan huwa fakultattiv. Il-pjan għandu jiddeskrivi wkoll il-miżuri ta' darba f'ċertu dettall fit-test.

**In-nefqa netta teskludi n-nefqa nazzjonali fuq il-kofinanzjament ta' programmi ffinanzjati mill-Unjoni.** Il-kofinanzjament nazzjonali ta' programmi ffinanzjati mill-Unjoni jikkonċerna dawk il-fondi tal-UE li jiffinanzjaw programmi kofinanzjati mill-Istati Membri, fejn ir-Regolament rispettiv li jistabbilixxi l-fond jinkludi rekwiżit ta' kofinanzjament nazzjonali u li r-rekwiżit ta' kofinanzjament tagħhom iwassal għal nefqa tal-gvern estiż kif irreġistrata fil-kontijiet nazzjonali. Skont il-Qafas Finanzjarju Pluriennali (2021-2027) attwali, il-kofinanzjament nazzjonali li jaqa' taħt id-definizzjoni t'hawn fuq u li huwa rilevanti għall-implimentazzjoni tar-Regolament huwa n-nefqa nazzjonali tal-gvern estiż fuq il-kofinanzjament ta' programmi taħt it-tmien fondi koperti mir-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni (CPR) ([16]), il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa. Dan ma jippreġudikax l-istruttura tal-Oqfsa Finanzjarji Pluriennali futuri. Dawk l-għaxar fondi flimkien jirrappreżentaw n-nefqa ta' kofinanzjament nazzjonali makroekonomikament rilevanti mġarrba mill-gvern estiż. Il-kofinanzjament nazzjonali pprovdut mis-settur privat mhuwiex rilevanti għall-esklużjoni mill-indikatur tan-nefqa netta. Il-livell ta' kofinanzjament

([12]) Id-devjazzjonijiet mill-perkors tan-nefqa netta rakkomandati mill-Kunsill se jiġu rreġistrati fil-kont ta' kontroll ġestit mill-Kummissjoni.

([13]) L-Istati Membri li jitolbu eċċezzjoni għall-klawżola ta' ebda posponiment (Artikolu 36(1)(e)) għandhom jirrapportaw ukoll dwar in-nefqa ppjanata ffinanzjata mis-self mill-RRF.

([14]) Huwa importanti li wieħed iżomm f'moħħu d-differenzi fin-natura tad-defiċit nominali u ċ-ċifri tad-dejn fil-pjanijiet għas-snin sa T+4, ma' dawk fil-previżjonijiet tal-Kummissjoni, meta jitqabblu ċ-ċifri rispettivi. Fil-previżjoni tal-Kummissjoni, il-persunal tal-Kummissjoni jinkludi biss l-impatt ta' miżuri li huma speċifikati biżżejjed u mħabbra b'mod kredibbli. Fil-pjanijiet, hija meħtieġa biss il-kwantifikazzjoni tal-aġġustamenti fiskali (filwaqt li kwalunkwe kwantifikazzjoni tal-politiki dettaljati tad-dħul u tan-nefqa hija fakultattiva). Fi kliem ieħor, il-projezzjonijiet baġitarji fil-pjanijiet huma bbażati fuq aġġustament fiskali anke qabel ma jiġu speċifikati u mħabbra miżuri dettaljati.

([15]) B'kostruzzjoni, id-*data* dwar miżuri ta' nefqa diskrezzjonali mhijiex meħtieġa għall-kalkolu tal-indikatur tat-tkabbir tan-nefqa netta. In-nefqa *netta* hija kkalkulata abbażi tal-iżviluppi tan-nefqa totali *netti mill-miżuri tad-dħul*. Għal dik ir-raġuni, il-miżuri tad-dħul huma inklużi b'mod espliċitu fit-tabelli tar-rapportar. Madankollu, dan ma jfissirx li l-qafas il-ġdid għandu preferenza integrata għall-aġġustament meħud permezz tad-dħul jew tan-nefqa. Dan sempliċiment jirriżulta mill-mod kif tiġi definita n-nefqa netta (jiġifieri nefqa *netta* minn miżuri ta' dħul diskrezzjonali).

([16]) Ir-Regolament (UE) 2021/1060 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021 li jistipula dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew Plus, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura u r-regoli finanzjarji għalihom u għall-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni, il-Fond għas-Sigurtà Interna u l-Istrument għall-Appoġġ Finanzjarju għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u l-Politika dwar il-Viżi (ĠU L 231, 30.6.2021, p. 159).

nazzjonali rilevanti għar-Regolament (jiġifieri, l-ammonti li għandhom jitnaqqsu mill-aggregat tan-nefqa netta) għandu jkun ibbażat fuq *data* tal-eżitu kif ivvalidata mill-Eurostat u għandu jkun limitat għall-obbligi nazzjonali ta' kofinanzjament stabbiliti fil-ftehimiet rilevanti bejn l-Istati Membri u l-Istituzzjonijiet tal-UE. Ir-rapportar dwar il-kofinanzjament nazzjonali għas-sena T-1 fit-Tabella MTP 4 għandu jaqbel mal-ammonti li ġew irrapportati lill-Eurostat u vvalidati minnu ([17]).

*Tabella MTP 4*

**Projezzjonijiet baġitarji**

| | | | T-1 | T-1 | T | T+1 | ... | T+4 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Dħul | Kodiċi ESA | bn NAC | % PDG | % PDG | % PDG | | % PDG |
| 1 | Taxxi fuq il-produzzjoni u l-importazzjonijiet | D.2 | XX.X | XX.X% | XX.X% | | ... | |
| 2 | Taxxi attwali fuq l-introjtu, il-ġid, eċċ | D.5 | XX.X | XX.X% | XX.X% | | ... | |
| 3 | Kontribuzzjonijiet soċjali | D.61 | XX.X | XX.X% | XX.X% | | ... | |
| 4 | Dħul attwali ieħor | (P.11+P.12+P.131) + D.39 + D.4 + D.7 | XX.X | XX.X% | XX.X% | | ... | |
| 5 | Taxxi kapitali | D.91 | XX.X | XX.X% | XX.X% | | ... | |
| 6 | Dħul kapitali ieħor | D.92+D.99 | XX.X | XX.X% | XX.X% | | ... | |
| 7 | Dħul totali (= 1+2+3+4+5+6) | TR | ikkalkulata | ikkalkulata | ikkalkulata | | ... | |
| 8 | Li minnu: Trasferimenti mill-UE (**introjtu dovut, mhux flus** | D.7EU+D.9EU | XX.X | XX.X% | XX.X% | | ... | |
| 9 | Dħul totali ieħor minbarra trasferimenti mill-UE (= 7-8) | | ikkalkulata | ikkalkulata | ikkalkulata | | ... | |
| 10 | p.m. Miżuri ta' dħul (żidiet, minbarra miżuri ffinanzjati mill-UE) | | XX.X | XX.X% | XX.X% | | ... | |
| 11 | p.m. Dħul ta' darba inkluż fil-projezzjonijiet (livelli, minbarra miżuri ffinanzjati mill-UE) | | XX.X | XX.X% | XX.X% | | ... | |
| | Nefqa | Kodiċi ESA | bn NAC | % PDG | % PDG | % PDG | | % PDG |
| 12 | Kumpens lill-impjegati | D.1 | XX.X | XX.X% | XX.X% | | ... | |
| 13 | Konsum intermedju | P.2 | XX.X | XX.X% | XX.X% | | ... | |
| 14 | Nefqa Pimgħax | D.41 | XX.X | XX.X% | XX.X% | XX.X% | ... | XX.X% |
| 15 | Benefiċċji soċjali oħra minbarra trasferimenti soċjali mhux finanzjarji | D.62 | XX.X | XX.X% | XX.X% | | ... | |
| 16 | Trasferimenti soċjali mhux finanzjarji permezz ta' produtturi tas-suq | D.632 | XX.X | XX.X% | XX.X% | | ... | |
| 17 | Sussidji | D.3 | XX.X | XX.X% | XX.X% | | ... | |
| 18 | Nefqa attwali oħra | D.29 + D.4 + D.41 + D.5 + D.7 + D.8 | XX.X | XX.X% | XX.X% | | ... | |
| 19 | Formazzjoni grossa tal-kapital fiss | P.51 | XX.X | XX.X% | XX.X% | | ... | |
| 20 | Li minnu: Investiment pubbliku ffinanzjat fil-livell nazzjonali | | XX.X | XX.X% | XX.X% | XX.X% | ... | XX.X% |
| 21 | Trasferimenti kapitali | D.9 | XX.X | XX.X% | XX.X% | | ... | |
| 22 | Nefqa kapitali oħra | P.52+P.53+NP | XX.X | XX.X% | XX.X% | | ... | |
| 23 | Nefqa totali (= 12+13+14+15+16+17+18+19+21+22) | TE | ikkalkulata | ikkalkulata | ikkalkulata | | ... | |
| 24 | Li minnha: Nefqa ffinanzjata permezz ta' trasferimenti mill-UE (= 8) | D.7EU+D.9EU | ikkalkulata | ikkalkulata | ikkalkulata | | ... | |
| 25 | Nefqa ffinanzjata fil-livell nazzjonali (23-24) | | ikkalkulata | ikkalkulata | ikkalkulata | | | |
| 26 | p.m. Kofinanzjament nazzjonali ta' programmi ffinanzjati mill-Unjoni | | XX.X | XX.X% | XX.X% | | ... | |
| 27 | p.m. Komponent ċikliku ta' benefiċċji tal-qgħad | | XX.X | XX.X% | XX.X% | | ... | |
| 28 | p.m. Nefqa ta' darba inkluża fil-projezzjonijiet (livelli, minbarra miżuri ffinanzjati mill-UE) | | XX.X | XX.X% | XX.X% | | ... | |
| 29 | Nefqa primarja netta ffinanzjata fil-livell nazzjonali (qabel miżuri ta' dħul) (= 25-26-27-28-14) | | ikkalkulata | ikkalkulata | ikkalkulata | | ... | |
| | Nefqa primarja netta ffinanzjata fil-livell nazzjonali | | | | rata ta' tkabbir | rata ta' tkabbir | | rata ta' tkabbir |
| 30 | Tkabbir tan-nefqa primarja netta ffinanzjata fil-livell nazzjonali | MTP Tabella 1a, linja 1 | | | ikkalkulata | ikkalkulata | ... | ikkalkulata |
| | Bilanċi | Kodiċi ESA | bn NAC | % PDG | % PDG | % PDG | | % PDG |
| 31 | Self nett (= 7-23) | B.9 | XX.X | XX.X% | XX.X% | XX.X% | ... | XX.X% |
| 32 | Bilanċ primarju (= 31-14) | B.9-D.41p | ikkalkulata | ikkalkulata | ikkalkulata | ikkalkulata | ... | ikkalkulata |
| | Aġġustament ċikliku | | | % PDG | % PDG | % PDG | | % PDG |
| 33 | Bilanċ strutturali | | | XX.X% | XX.X% | XX.X% | ... | XX.X% |
| 34 | Bilanċ primarju strutturali | | | XX.X% | XX.X% | XX.X% | ... | XX.X% |
| | Dejn | | bn NAC | % PDG | % PDG | % PDG | | % PDG |
| 35 | Dejn gross | | XX.X | XX.X% | XX.X% | XX.X% | ... | XX.X% |
| 36 | Bidla fid-dejn gross | | XX.X | XX.X% | XX.X% | XX.X% | ... | XX.X% |
| 37 | Kontribuzzjonijiet għal bidliet fid-dejn gross | | | | | | | |
| 38 | Bilanċ primarju (= minus 32) | | | ikkalkulata | ikkalkulata | ikkalkulata | ... | ikkalkulata |
| 39 | Effett valanga | | | ikkalkulata | ikkalkulata | ikkalkulata | ... | ikkalkulata |
| 40 | Nefqa Pimgħax (= 14) | | | ripetuta | ripetuta | ripetuta | ... | ripetuta |
| 41 | Tkabbir | | | ikkalkulata | ikkalkulata | ikkalkulata | ... | ikkalkulata |
| 42 | Inflazzjoni | | | ikkalkulata | ikkalkulata | ikkalkulata | ... | ikkalkulata |
| 43 | Aġġustament stokk-fluss G1a1(= 36-38-39) | | | ikkalkulata | ikkalkulata | ikkalkulata | ... | ikkalkulata |
| | | | | % | % | % | | % |
| 44 | p.m. Rata ta' imgħax impliċita fuq id-dejn (= 14 / DEBT(t-1) ) | | | XX.X% | XX.X% | XX.X% | ... | XX.X% |

Nota: Jekk pjan jiġi ppreżentat qabel ma tkun ġiet ippubblikata d-*data* tal-eżitu għas-sena T-1 mill-Eurostat u l-istituti nazzjonali tal-istatistika, is-sena bażi għandha tkun T-2 (minflok T-1). Il-linja 30 "tkabbir tan-nefqa primarja netta ffinanzjata fil-livell nazzjonali" tista' tiġi kkalkulata bl-użu tal-formula li ġejja: $e_t = \frac{NE_t - REV_t}{NE_{t-1}} - 1 = \frac{(NE_t / GDP_t) - (REV_t / GDP_t)}{(NE_{t-1} / GDP_{t-1})} * (1 + g_t) - 1$, fejn $e_t$ huwa t-tkabbir tan-nefqa primarja netta

([17]) L-Eurostat u l-komunità tal-istatistika, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-awtoritajiet baġitarji nazzjonali, se jistabbilixxu qafas għar-rapportar mill-Istati Membri ta' *data* statistika dwar il-kofinanzjament nazzjonali ta' programmi ffinanzjati mill-Unjoni, meħtieġa għall-implimentazzjoni tar-regolament u li għadhom ma nġabrux mill-Eurostat fiż-żmien tal-pubblikazzjoni ta' dan l-avviż. Għall-ewwel, l-Istati Membri jistgħu jiddependu fuq stimi, sakemm jiġi stabbilit il-qafas għall-ġbir u l-forniment ta' tali *data*.

ffinanzjata fil-livell nazzjonali (Tabella MTP 4, linja 30) għas-sena *t*, $NE_t$ / $GDP_t$ u $NE_{t-1}$ / $GDP_{t-1}$ huma n-nefqa primarja netta ffinanzjata fil-livell nazzjonali (qabel il-miżuri ta' dħul) bħala sehem tal-PDG fis-snin *t* u *t-1*, rispettivament (Tabella MTP 4, linja 29), $REV_t$/ $GDP_t$ huwa l-miżuri ta' dħul bħala sehem tal-PDG fis-sena *t* (Tabella MTP 4, linja 10), u $g_i$huma r-rata ta' tkabbir tal-PDG nominali fis-sena *t* (Tabella MTP 2, linja 3).

*MTP Tabella 5*

**Impatt stmat tal-miżuri ta' dħul diskrezzjonali**

| | Titlu/miżura ta' deskrizzjoni | Ta' darba | Nefqa / Dħul | Sottosettur | | T-1 | T | T+1 | ... | T+4 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | Kodiċi ESA | % PDG | % PDG | % PDG | | % PDG |
| 1 | Miżura 1 | Iva | Nefqa | fakultattiva | Kodiċi | XX.XX | XX.XX | | ... | |
| ... | ... | ... | ... | ... | ... | ... | ... | | ... | |
| X | Miżura X | Le | Dħul | fakultattiva | Kodiċi | XX.XX | XX.XX | | ... | |
| Z | TOTAL | | | | | ikkalkulata | ikkalkulata | | ... | |

Nota: Minbarra l-miżuri ffinanzjati mill-UE. Il-miżuri għandhom jiġu rrapportati f'inkrementi. Miżuri ta' darba għandhom dejjem jiġu rreġistrati bħala li għandhom effett ta' +/-X fis-sena tal-ewwel impatt bażitarju u -/+ X fis-sena ta' wara, jiġifieri l-impatt ġenerali fuq il-livell ta' dħul jew infiq f'sentejn konsekuttivi huwa żero. Iż-żidiet (tnaqqis) kemm fin-nefqa kif ukoll fid-dħul għandhom jiġu rrapportati b'sinjal pożittiv (negattiv). Jekk pjan jiġi ppreżentat qabel ma tkun ġiet ippubblikata d-*data* tal-eżitu għas-sena T-1 mill-Eurostat u l-istituti nazzjonali tal-istatistika, is-sena bażi għandha tkun T-2 (minflok T-1).

**L-Istati Membri huma mistiedna wkoll jistabbilixxu b'mod fakultattiv il-miżuri ta' dħul u ta' nefqa li beħsiebhom isegwu — f'konformità mal-istrateġija ekonomika u fiskali indikattiva tagħhom — f'tabella** (Tabella MTP 6). Fejn disponibbli, l-Istati Membri jistgħu jinkludu wkoll kwantifikazzjoni tal-impatti fiskali mistennija; dawn il-kwantifikazzjonijiet imbagħad jiġu kkonfermati jew riveduti fil-bażits annwali.

*Tabella MTP 6*

**Miżuri indikattivi ta' dħul u ta' nefqa previsti fil-pjan**

| | Titlu/miżura ta' deskrizzjoni | Impatt fuq id-dħul jew in-nefqa | Data ta' implimentazzjoni ppjanata |
|---|---|---|---|
| 1 | Miżura 1 | fakultattiva | QX 20XX |
| ... | ... | .... | ... |
| X | Miżura X | fakultattiva | QX 20XX |

2.5. *Projezzjonijiet tad-dejn*

**Meta tivvaluta l-pjanijiet, il-Kummissjoni għandha teżamina *għall-Istati Membri kollha* jekk l-impenn tan-nefqa netta jikkonformax mar-rekwiżiti u s-salvagwardji inklużi fil-leġiżlazzjoni, jew li dan jiżgura li d-dejn u d-defiċit jibqgħu f'livelli prudenti fuq terminu medju (Artikolu 16).** F'dan il-kuntest (u f'konformità mal-Artikolu 13), il-projezzjonijiet tad-dejn u tad-defiċit u s-suppożizzjonijiet makroekonomiċi sottostanti ewlenin sa għaxar snin wara t-tmiem tal-perjodu ta' aġġustament (T+14 għal pjanijiet ta' erba' snin; sa T+17 f'każ ta' estensjoni) għandhom jiġu rrapportati fil-pjanijiet (Tabella MTP 7a).

*Tabella MTP 7a*

**Projezzjonijiet tad-dejn u tal-bilanċ nominali u suppożizzjonijiet sottostanti ewlenin (*skont il-perkors fiskali ppjanat*)**

*Għall-Istati Membri kollha*

| | | | | T-1 | ... | T+4 | T+5 | ... | T+14/17 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | Dejn gross | MTP Tabella 4, linja 35 | (% PDG) | ripetuta | ... | ripetuta | XX.X% | ... | XX.X% |
| 2 | Bilanċ ġenerali tal-gvern | MTP Tabella 4, linja 31 | (% PDG) | ripetuta | ... | ripetuta | XX.X% | ... | XX.X% |
| 3 | Bilanċ primarju strutturali | MTP Tabella 4, linja 34 | (% PDG potenzjali | ripetuta | ... | ripetuta | XX.X% | ... | XX.X% |
| 4 | Komponent ċikliku | | (% PDG potenzjali | XX.X% | .. | XX.X% | XX.X% | ... | XX.X% |
| 5 | Miżuri ta' darba | | (% PDG) | ikkalkulata | ... | ikkalkolata | ikkalkulata | ... | ikkalkulata |
| 6 | Nefqa f'imgħax | MTP Tabella 4, linja 14 | (% PDG) | ripetuta | ... | ripetuta | XX.X% | ... | XX.X% |
| 7 | Rata tal-imgħax fuq terminu twil | MTP Tabella 3, linja 1 | (%) | ripetuta | ... | ripetuta | XX.X% | ... | XX.X% |
| 8 | Rata tal-imgħax fuq terminu qasir | MTP Tabella 3, linja 2 | (%) | ripetuta | ... | ripetuta | XX.X% | ... | XX.X% |
| 9 | Rata tal-imgħax medja implikita | MTP Tabella 4, linja 44 | (%) | ripetuta | ... | ikkalkulata | ikkalkolata | ... | ikkalkulata |
| 10 | Aġġustament stokk-fluss | MTP Tabella 4, linja 43 | (% PDG) | ripetuta | ... | ripetuta | XX.X% | ... | XX.X% |
| 11 | PDG potenzjali | MTP Tabella 2, linja 26 | (rata ta' tkabbir) | ripetuta | ... | ripetuta | XX.X% | ... | XX.X% |
| 12 | PDG reali | MTP Tabella 2, linja 1 | (rata ta' tkabbir) | ripetuta | ... | ripetuta | XX.X% | ... | XX.X% |
| 13 | Deflatur tal-PDG | MTP Tabella 2, linja 2 | (rata ta' tkabbir) | ripetuta | ... | ripetuta | XX.X% | ... | XX.X% |
| 14 | PDG nominali | MTP Tabella 2, linja 3 | (rata ta' tkabbir) | ikkalkulata | ... | ikkalkulata | ikkalkulata | ... | ikkalkulata |

Nota: Jekk pjan jiġi ppreżentat qabel ma tkun ġiet ippubblikata d-*data* tal-eżitu għas-sena T-1 mill-Eurostat u l-istituti nazzjonali tal-istatistika, is-sena bażi għandha tkun T-2 (minflok T-1).

***Għall-Istati Membri li għalihom titħejja trajettorja referenzjarja mill-Kummissjoni*, il-pjanijiet għandhom jinkludu wkoll analiżi tas-sensittività li turi li d-dejn projettat huwa fuq perkors *plawżibbli* 'l isfel, jew jibqa' f'livell prudenti.** Din l-analiżi tas-sensittività għandha tkun ibbażata fuq il-metodoloġija komuni (jiġifieri, it-testijiet tal-istress deterministiċi standard u l-analiżi stokastika – Artikolu 10) (Tabella MTP 7b) ([18]).

*Tabella MTP 7b*

**Projezzjonijiet tad-dejn u varjabbli enfasizzati ewlenin, xenarji deterministiċi u simulazzjonijiet stokastiċi**

*Għall-Istati Membri biss li għalihom il-Kummissjoni tħejji trajettorja referenzjarja*

| | **Xenarju tal-istress finanzjarju** | | | **T-1** | **...** | **T+4** | **T+5** | **...** | **T+14/17** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | Dejn gross | MTP Tabella 4, linja 35 | (% PDG) | ripetuta | ... | ripetuta | XX.X% | ... | XX.X% |
| 2 | Rata tal-imgħax fuq terminu twil | MTP Tabella 3, linja 1 | (%) | ripetuta | ... | ripetuta | XX.X% | ... | XX.X% |
| 3 | Rata tal-imgħax fuq terminu qasir | MTP Tabella 3, linja 2 | (%) | ripetuta | ... | ripetuta | XX.X% | ... | XX.X% |
| | **Xenarju SPB aktar baxx** | | | **T-1** | **...** | **T+4** | **T+5** | **...** | **T+14/17** |
| 4 | Dejn gross | MTP Tabella 4, linja 35 | (% PDG) | ripetuta | ... | ripetuta | XX.X% | ... | XX.X% |
| 5 | Bilanċ primarju strutturali | MTP Tabella 4, linja 34 | (% PDG potenzjali | ripetuta | ... | ripetuta | XX.X% | ... | XX.X% |
| | **Xenarju "r-g" avvers** | | | **T-1** | **...** | **T+4** | **T+5** | **...** | **T+14/17** |
| 6 | Dejn gross | MTP Tabella 4, linja 35 | (% PDG) | ripetuta | ... | ripetuta | XX.X% | ... | XX.X% |
| 7 | Rata tal-imgħax fuq terminu twil | MTP Tabella 3, linja 1 | (%) | ripetuta | ... | ripetuta | XX.X% | ... | XX.X% |
| 8 | Rata tal-imgħax fuq terminu qasir | MTP Tabella 3, linja 2 | (%) | ripetuta | ... | ripetuta | XX.X% | ... | XX.X% |
| 9 | PDG reali | MTP Tabella 2, linja 1 | (rata ta' tkabbir) | ripetuta | ... | ripetuta | XX.X% | ... | XX.X% |
| 10 | PDG potenzjali | MTP Tabella 2, linja 26 | (rata ta' tkabbir) | ripetuta | ... | ripetuta | XX.X% | ... | XX.X% |
| | **Simulazzjonijiet stokastiċi** | | | | | | | | |
| 11 | Probabbiltà li d-dejn ikun taħt il-valur tiegħu f'T+4/7 | | (%) | XX.X% | | | | | |

Nota: Jekk pjan jiġi ppreżentat qabel ma tkun ġiet ippubblikata d-*data* tal-eżitu għas-sena T-1 mill-Eurostat u l-istituti nazzjonali tal-istatistika, is-sena bażi għandha tkun T-2 (minflok T-1).

**Jekk il-pjan jippreżenta rati ta' tkabbir tan-nefqa netta ogħla milli fit-trajettorja referenzjarja, jew l-informazzjoni teknika, jew jekk is-suppożizzjonijiet sottostanti jkunu aktar favorevoli mis-suppożizzjonijiet komuni ([19]), l-Istati Membri għandhom jipprovdu deskrizzjoni aktar dettaljata tas-suppożizzjonijiet makroekonomiċi sottostanti.** Dan ir-rapportar addizzjonali huwa meħtieġ biex il-Kummissjoni tivverifika jekk argumenti ekonomiċi sodi u mmexxija mid-*data* jistgħux jispjegaw id-differenza mat-trajettorja referenzjarja (Artikolu 13) jew mill-qafas għall-projezzjoni fuq terminu medju tad-dejn pubbliku b'mod aktar ġenerali (Premessa 25), u biex il-Kummissjoni tkun tista' teżamina kif xieraq jekk ir-rekwiżiti humiex issodisfati (Artikolu 16). Dan jinkludi (i) informazzjoni dwar il-linja bażi ta' "l-ebda bidla fil-politika

([18]) Il-projezzjonijiet u s-suppożizzjonijiet sottostanti għat-trajettorji referenzjarji jiġu kkomunikati mill-Kummissjoni flimkien mat-trajettorji referenzjarji.

([19]) Skont l-Artikolu 9(1) (a) u (b), il-Kummissjoni tibgħat is-suppożizzjonijiet sottostanti tagħha lill-*Istati Membri kollha* – bħala parti mill-gwida preċedenti tagħha.

fiskali" sottostanti għall-pjan (Tabella MTP 7c), *jiġifieri* t-trajettorja bażi mingħajr aġġustament, li jfisser speċifikament bilanċ primarju strutturali kostanti nett tal-bidliet fil-kostijiet marbutin tat-tixjiħ mill-ewwel sena sħiħa tal-implimentazzjoni tal-pjan ([20]), kif ukoll (ii) informazzjoni dwar is-suppożizzjonijiet sottostanti li jikkonċernaw l-istruttura tal-maturità tad-dejn, ir-rata ta' tifdija, u l-maturitajiet għall-ħruġ ġdid tad-dejn (Tabella MTP 7d) ([21]). Dan ir-rapportar addizzjonali huwa meħtieġ għar-replikabbiltà tal-projezzjonijiet tal-Istati Membri, u jippermetti lill-Kummissjoni tivvaluta jekk hemmx konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 15, u jekk id-differenzi mat-trajettorji referenzjarji, jew id-devjazzjonijiet mis-suppożizzjonijiet komuni, humiex ġustifikati.

*Tabella MTP 7c*

**Il-projezzjonijiet tad-dejn u tal-bilanċ nominali u s-suppożizzjonijiet sottostanti (*skont il-linja bażi "l-ebda bidla fil-politika fiskali"*)**

*Għall-Istati Membri biss b'perkors tan-nefqa netta ogħla milli fit-trajettorja referenzjarja, jew fl-informazzjoni teknika, jew f'każijiet fejn is-suppożizzjonijiet sottostanti jkunu aktar favorevoli mis-suppożizzjonijiet komuni.*

| | | | | T-1 | ... | T+4 | T+5 | ... | T+14/17 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | Dejn gross | MTP Tabella 4, linja 35 | (% PDG) | ripetuta | ... | XX.X% | XX.X% | ... | XX.X% |
| 2 | Bilanċ ġenerali tal-gvern | MTP Tabella 4, linja 31 | (% PDG) | ripetuta | ... | XX.X% | XX.X% | ... | XX.X% |
| 3 | Bilanċ primarju strutturali | MTP Tabella 4, linja 34 | (% PDG potenzjali | ripetuta | ... | XX.X% | XX.X% | ... | XX.X% |
| 4 | Komponent ċikliku | | (% PDG potenzjali | XX.X% | .. | XX.X% | XX.X% | ... | XX.X% |
| 5 | Nefqa f'imgħax | MTP Tabella 4, linja 14 | (% PDG) | ripetuta | ... | XX.X% | XX.X% | ... | XX.X% |
| 6 | Rata tal-imgħax fuq terminu twil | MTP Tabella 3, linja 1 | (%) | ripetuta | ... | ripetuta | XX.X% | ... | XX.X% |
| 7 | Rata tal-imgħax fuq terminu qasir | MTP Tabella 3, linja 2 | (%) | ripetuta | ... | ripetuta | XX.X% | ... | XX.X% |
| 8 | Rata tal-imgħax medja impliċita | MTP Tabella 4, linja 44 | (%) | ripetuta | ... | ripetuta | XX.X% | ... | XX.X% |
| 9 | PDG potenzjali | MTP Tabella 2, linja 26 | (rata ta' tkabbir) | ripetuta | ... | ripetuta | XX.X% | ... | XX.X% |
| 10 | PDG reali | MTP Tabella 2, linja 1 | (rata ta' tkabbir) | ripetuta | ... | XX.X% | XX.X% | ... | XX.X% |
| 11 | Deflatur tal-PDG | MTP Tabella 2, linja 2 | (rata ta' tkabbir) | ripetuta | ... | ripetuta | XX.X% | ... | XX.X% |
| 12 | PDG nominali | MTP Tabella 2, linja 3 | (rata ta' tkabbir) | ikkalkulata | ... | ikkalkulata | ikkalkulata | ... | ikkalkulata |
| 13 | Multiplikatur fiskali | | (%) | XX.X% *(għandu jkun kostanti)* | | | | | |

Nota: jekk pjan jiġi ppreżentat qabel ma tkun ġiet ippubblikata d-*data* tal-eżitu għas-sena T-1 mill-Eurostat u l-istituti nazzjonali tal-istatistika, is-sena bażi għandha tkun T-2 (minflok T-1).

*Tabella MTP 7d*

**Projezzjonijiet tad-dejn u suppożizzjonijiet addizzjonali (*skont il-perkors fiskali projettat*)**

*Għall-Istati Membri biss b'perkors tan-nefqa netta ogħla milli fit-trajettorja referenzjarja, jew fl-informazzjoni teknika, jew f'każijiet fejn is-suppożizzjonijiet sottostanti jkunu aktar favorevoli mis-suppożizzjonijiet komuni.*

| | | | | T-1 | ... | T+4 | T+5 | ... | T+14/17 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | Dejn gross | MTP Tabella 4, linja 35 | (% PDG) | ripetuta | ... | ripetuta | XX.X% | ... | XX.X% |
| 2 | Dejn fuq terminu twil riportat | | (% PDG) | XX.X% | .. | XX.X% | XX.X% | ... | XX.X% |
| 3 | Dejn fuq terminu qasir riportat | | (% PDG) | XX.X% | .. | XX.X% | XX.X% | ... | XX.X% |
| 4 | Dejn fuq terminu twil ġdid | | (% PDG) | XX.X% | .. | XX.X% | XX.X% | ... | XX.X% |
| 5 | Dejn fuq terminu qasir ġdid | | (% PDG) | XX.X% | .. | XX.X% | XX.X% | ... | XX.X% |

Nota: jekk pjan jiġi ppreżentat qabel ma tkun ġiet ippubblikata d-*data* tal-eżitu għas-sena T-1 mill-Eurostat u l-istituti nazzjonali tal-istatistika, is-sena bażi għandha tkun T-2 (minflok T-1).

([20]) Ara l-konvenzjoni fil-bidu tat-Taqsima 2

([21]) Dawn il-projezzjonijiet u s-suppożizzjonijiet huma inklużi fl-ispreadsheets ipprovduti mill-Kummissjoni.

2.6. *Informazzjoni dwar ir-riformi u l-investimenti*

**Għall-Istati Membri kollha, il-pjan għandu jipprovdi informazzjoni dwar ir-riformi u l-investimenti ewlenin għassnin li ġejjin** (Artikolu. 13). Il-pjan għandu jispjega kif se jiżgura t-twettiq ta' investimenti u riformi li jirrispondu għar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż ([22]) rilevanti indirizzati lill-Istat Membru kkonċernat (inkluż, fejn applikabbli, rakkomandazzjonijiet maħruġa skont il-Proċedura ta' Żbilanċ Makroekonomiku), investimenti u riformi li jindirizzaw il-prijoritajiet komuni tal-Unjoni ([23]), u, fejn applikabbli, twissijiet mill-Kummissjoni jew rakkomandazzjonijiet mill-Kunsill skont l-Artikolu 121(4) TFUE. Dawn jinkludu, pereżempju, miżuri fl-oqsma soċjali, tas-saħħa, tal-edukazzjoni u t-taħriġ, tal-pensjonijiet, u tas-suq tax-xogħol, ir-riformi tas-suq tal-prodotti, ir-riformi tat-taxxa, ir-riċerka u l-iżvilupp, il-promozzjoni ta' politiki, jew investimenti kbar fit-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali ([24]), b'mod partikolari dawk li l-Istati Membri ddeskrivew fil-Pjanijiet Nazzjonali għall-Enerġija u l-Klima (NECPs) u fil-pjanijiet direzzjonali strateġiċi tad-Deċennju Diġitali Nazzjonali tagħhom. Il-pjan għandu jiddiskuti l-modi li bihom dawn ir-riformi u l-investimenti jirrispondu għar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi rilevanti u jindirizza l-prijoritajiet komuni rilevanti tal-Unjoni. Biex jikkomplementa dan, il-pjan għandu jiddeskrivi l-ħtiġijiet ta' investiment pubbliku, inkluż dawk relatati malprijoritajiet komuni tal-Unjoni (Artikolu 13(g)). L-Istati Membri huma mħeġġa wkoll jiddiskutu l-impatt fuq l-attività ekonomika, ir-reżiljenza u s-sostenibbiltà tar-riformi u l-investimenti f'parti speċifika tal-pjan ([25]).

**Jekk applikabbli, il-pjan għandu jinkludi dettall addizzjonali dwar ir-riformi u l-investimenti ewlenin li jirfdu estensjoni tal-perjodu ta' aġġustament, inkluż il-miżuri strutturali fiskali** (Artikolu 13) ([26]). Dawn jistgħu jkunu addizzjonali għar-riformi u l-investimenti ppreżentati f'konformità mal-Artikolu 13, jew subsett tagħhom. Għandhom jissodisfaw ukoll il-kriterji addizzjonali speċifiċi għal estensjoni, kif kopert fl-Artikolu 14. Pereżempju, miżuri tas-saħħa, tal-pensjonijiet, tas-suq tax-xogħol u tal-ħiliet, riformi li jsaħħu l-kompetizzjoni, spostamenti tal-piż tat-taxxa jew miżuri li jtejbu l-konformità mar-regoli tat-taxxa, ir-riċerka u l-iżvilupp, il-promozzjoni ta' politiki jew investimenti fit-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali huma fost dawk li jistgħu jiġu inklużi. It-test tal-pjan għandu jkopri l-elementi li ġejjin biex tintwera l-konformità mal-Artikolu 14:

i. valutazzjoni tal-impatt tas-sett ta' riformi u ta' investimenti li jirfdu t-talba għal estensjoni (a) fuq it-titjib tal-potenzjal tat-tkabbir u tar-reżiljenza tal-ekonomija tal-Istat Membru kkonċernat b'mod sostenibbli, abbażi ta' suppożizzjonijiet kredibbli u prudenti; (b) fuq l-appoġġ tas-sostenibbiltà fiskali, b'titjib strutturali tal-finanzi pubbliċi fuq it-terminu medju, bħat-tnaqqis tal-proporzjon tan-nefqa pubblika mal-PDG jew iż-żieda tal-proporzjon tad-dħul pubbliku mal-PDG; u (c) fuq l-iżgurar li l-livell ġenerali ppjanat ta' investiment pubbliku ffinanzjat fil-livell nazzjonali matul il-ħajja tal-pjan fuq terminu medju ma jkunx aktar baxx mil-livell fuq terminu medju qabel il-perjodu ta' dak il-pjan, filwaqt li jitqiesu l-firxa u l-iskala tal-isfidi speċifiċi għall-pajjiż, inkluż id-*data* u l-projezzjonijiet fejn xieraq ([27]);

ii. spjegazzjoni ta' kif is-sett ippjanat ta' riformi u ta' investimenti se jikkontribwixxi għall-indirizzar tal-prijoritajiet komuni tal-Unjoni u r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi (inkluż, fejn applikabbli, rakkomandazzjonijiet maħruġa skont il-Proċedura ta' Żbilanċ Makroekonomiku);

iii. informazzjoni dwar l-objettiv ewlieni ta' kull miżura, il-passi ewlenin li għandhom jittieħdu biex jintlaħaq l-objettiv, l-iskedi ta' żmien assoċjati, u, fejn rilevanti, l-indikaturi jew elementi oħra li jistgħu jappoġġaw il-valutazzjoni tal-implimentazzjoni;

([22]) Ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż għandhom jitqiesu "'rilevanti'" sakemm l-Istat Membru jkun għadu ma għamilx progress "sħiħ" jew "sostanzjali" fl-indirizzar tagħhom skont it-tifsira tal-eżerċizzju ta' sorveljanza tas-Semestru Ewropew.

([23]) Skont l-Artikolu 13(c) tar-Regolament, il-pjan għandu jispjega kif se jindirizza l-prijoritajiet komuni tal-Unjoni li ġejjin: (i) tranżizzjoni ekoloġika u diġitali ġusta, inkluża l-konsistenza mal-Liġi Ewropea dwar il-Klima; (ii) ir-reżiljenza soċjali u ekonomika, inkluż il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali; (iii) is-sigurtà tal-enerġija; u (iv) fejn meħtieġ, it-tisħiħ tal-mezzi ta' difiża.

([24]) L-Istati Membri jistgħu jitolbu assistenza għat-tfassil u għall-implimentazzjoni ta' dawn kollha permezz tal-Istrument ta' Appoġġ Tekniku.

([25]) Ara t-Taqsimiet ta' hawn fuq 2.3 u t-Taqsima 2.4, dwar kif l-impatt tar-riformi u l-investimenti għandu, jew ma għandux, jiġi inkorporat fil-projezzjonijiet potenzjali tal-PDG.

([26]) Kull wieħed mill-impenji ta' riforma u ta' investiment li jirfdu estensjoni tal-perjodu ta' aġġustament għandu jissodisfa l-kriterji tal-Artikolu 14(3), inkluż li jkun dettaljat biżżejjed, bil-quddiem, marbut biż-żmien u verifikabbli.

([27]) It-tul tal-perjodu ta' referenza għal-livell ta' investiment fuq terminu medju għandu jkun l-aħħar 4 snin qabel il-bidu tal-pjan fuq terminu medju, sakemm il-pjan ma jiddikjarax l-użu ta' perjodu ta' żmien differenti abbażi ta' ġustifikazzjoni soda. It-test tal-pjan għandu għalhekk jirrapporta din iċ-ċifra.

iv. spjegazzjoni ta' kif is-sett ta' riformi u ta' investimenti li jirfdu estensjoni huwa konsistenti mal-impenji inklużi fil-programmi skont il-Ftehimiet ta' Sħubija maqbula fil-Qafas Finanzjarju Pluriennali ([28]).

**Ir-riformi u l-investimenti rilevanti għandhom jiġu rrapportati f'waħda minn żewġ tabelli.** Ir-riformi u l-investimenti li jirfdu estensjoni tal-perjodu ta' aġġustament f'konformità mal-Artikolu 14 għandhom jiġu rrapportati fit-Tabella MTP 8. Kwalunkwe riforma u investiment ieħor — ippreżentat f'konformità mal-Artikolu 13 — għandu jiġi rrapportat fit-Tabella MTP 9 ([29]), it-Tabella MTP 8 u t-Tabella MTP 9 għandhom jinkludu kolonna apposta li tindika jekk riforma jew investiment humiex appoġġati taħt il-kappa tal-Ftehimiet ta' Sħubija tiegħu.

**Il-pjan għandu jiddeskrivi l-azzjoni li l-Istat Membru qed jieħu biex jindirizza r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż maħruġa skont il-Proċedura ta' Żbilanċ Makroekonomiku** (Artikolu 13(d)). Jekk applikabbli, il-pjan għandu jiddeskrivi l-azzjoni li l-Istat Membru qed jieħu jew qed jippjana li jieħu biex jindirizza l-iżbilanċi jew l-iżbilanċi eċċessivi tiegħu b'mod ċar, integrat u faċilment identifikabbli.

**Il-pjan għandu jinkludi informazzjoni dwar ir-rabtiet bejn ir-riformi u l-investimenti ppjanati u dawk diġà inklużi fl-RRPs.** Sabiex jiġu żgurati l-konsistenza u l-komplementarjetà mal-RRPs, il-pjan għandu jispjega l-konnessjonijiet bejn ir-riformi u l-investimenti ppjanati u dawk diġà inklużi fl-RRPs nazzjonali.

**Għat-tul tal-ħajja tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF), l-impenji inklużi fl-RRPs jitqiesu għal estensjoni tal-perjodu ta' aġġustament, taħt ċerti kundizzjonijiet** (Artikolu 36(1)(d)). B'mod partikolari, il-pjan għandu jispjega wkoll kif is-sett ta' riformi u ta' investimenti li jirfdu estensjoni huwa konsistenti mal-impenji inklużi fl-RRP approvat (Artikolu 14(4)). Il-pjanijiet fuq terminu medju jistgħu jkunu wkoll opportunità biex jissaħħu aktar l-impenji ta' riforma u ta' investiment fl-RRP. Għat-tul tal-ħajja tal-RRF, it-Tabella MTP 8 u t-Tabella MTP 9 għandhom jirrapportaw ukoll jekk riforma jew investiment huwiex inkluż fl-RRP (bħala parti mill-kolonna apposta dwar il-Ftehimiet ta' Sħubija).

*Tabella MTP 8*

**Riformi u investimenti li jirfdu estensjoni tal-perjodu ta' aġġustament**

| | | RRF / PA | Passi ewlenin | CSR | Prijoritajiet komuni | Objettiv ewlieni | Data ta' implimentazzjoni | Indikatur(i) dwar objettiv |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | Investiment/riforma A | "XX" | Pass 1<br>...<br>Pass Z | CSRX.X; MIP rakkomandazzjoni X | "XX" | "XX" | QX 20XX<br>...<br>QX 20XX | "XX"<br>...<br>"XX" |
| _ | ... | ... | ... | ... | ... | ... | ... | ... |
| X | Investiment/riforma X | "XX" | Pass 1<br>...<br>Pass Z | CSRX.X | "XX" | "XX" | QX 20XX<br>...<br>QX 20XX | "XX"<br>...<br>"XX" |

Nota: il-kolonna "RRF/PA" għandha tkun "RRF" jekk ir-riforma/l-investiment tkun/ikun ukoll parti mill-RRP tal-Istat Membru; "PA" jekk ir-riforma/l-investiment tkun/ikun appoġġata/appoġġat taħt il-kappa tal-ftehim ta' sħubija tal-Istat Membru u tibqa' vojta f'każijiet oħra. Għar-riformi u l-investimenti li jirriżultaw mill-RRF, il-kolonna "RRF/PA" għandha tinkludi wkoll referenza għall-miżuri fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill rispettiva.

([28]) Għall-fini ta' din il-gwida, ir-referenza għall-Ftehimiet ta' Sħubija tinkludi l-*programmi* skont il-Ftehimiet ta' Sħubija, peress li dawn jipprovdu ħarsa ġenerali aktar dettaljata u aġġornata lejn ir-riformi u l-investimenti.

([29]) Sabiex jiġi evitat ir-rapportar doppju, ir-riformi u l-investimenti koperti fit-Tabella MTP 8 ma għandhomx jiġu inklużi fit-Tabella MTP 9.

*Tabella MTP 9*

**Riformi u investimenti oħra**

| | | RRF / PA | CSR | Prijoritajiet komuni |
|---|---|---|---|---|
| 1 | Investiment/riforma A | "XX" | CSRX.X; MIP rakkomandazzjoni X | "XX" |
| … | … | … | … | … |
| X | Investiment/riforma X | "XX" | CSRX.X | "XX" |

Nota: il-kolonna "RRF/PA" għandha tkun "RRF" jekk ir-riforma/l-investiment tkun/ikun ukoll parti mill-RRP tal-Istat Membru; "PA" jekk ir-riforma/l-investiment tkun/ikun appoġġata/appoġġat taħt il-kappa tal-ftehim ta' sħubija tal-Istat Membru u tibqa' vojta f'każijiet oħra. Għar-riformi u l-investimenti li jirriżultaw mill-RRF, il-kolonna "RRF/PA" għandha tinkludi wkoll referenza għall-miżuri fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill rispettiva.

**Barra minn hekk, il-pjan fuq terminu medju għandu jkun fih informazzjoni dwar il-ħtiġijiet ta' investiment relatati mal-prijoritajiet komuni tal-Unjoni f'tabella** (Artikolu 13(g)(v))(Tabella MTP 10). Il-metodoloġija biex jiġu identifikati u kkwantifikati l-ħtiġijiet tal-investiment taħt kull waħda mill-prijoritajiet komuni se teħtieġ aktar elaborazzjoni fi żmien debitu.

*Tabella MTP 10*

**Ħtiġijiet tal-investiment**

| | Prijoritajiet komuni | Deskrizzjoni ta' ħtiġijiet ta' investiment |
|---|---|---|
| 1 | Tranżizzjoni ekoloġika u diġitali ġusta, inkluż a l-konsistenza mal-Liġi Ewropea dwar il-Klima | "XX" |
| 2 | Reżiljenza soċjali u ekonomika, inkluż il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali | "XX" |
| 3 | Sigurtà tal-enerġija | "XX" |
| 4 | Fejn meħtieġ, it-tisħiħ tal-mezzi ta' difiża | "XX" |

2.7. *Informazzjoni dwar obbligazzjonijiet impliċiti u kontinġenti*

**Il-pjan għandu jinkludi informazzjoni dwar obbligazzjonijiet impliċiti u kontinġenti b'impatt potenzjalment kbir fuq il-baġits tal-gvern** (Artikolu 13(g)). Dawn jistgħu jinkludu b'mod partikolari garanziji tal-gvern, self li ma jrendix, u obbligazzjonijiet li jirriżultaw mill-operat ta' korporazzjonijiet pubbliċi, inkluż il-firxa tagħhom, u, sa fejn ikun possibbli, informazzjoni dwar obbligazzjonijiet kontinġenti għad-diżastri, il-klima u n-natura. Minħabba l-eteroġeneità tas-sitwazzjonijiet, din il-gwida mhijiex qed tissuġġerixxi tabella standard għal dan l-għan.

2.8. *Rapportar f'każ ta' Proċedura ta' Żbilanċ Eċċessiv*

**L-Istat Membru li għalih tinfetaħ proċedura ta' żbilanċ eċċessiv f'konformità mal-Artikolu 7(2) tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011 għandu jippreżenta pjan rivedut, li jservi wkoll bħala l-pjan ta' azzjoni korrettiva** (Artikolu 31) ([30]). Il-pjan għandu mbagħad jistabbilixxi l-azzjonijiet ta' politika speċifiċi li għandhom l-għan li jindirizzaw l-iżbilanċi eċċessivi — abbażi ta' rakkomandazzjoni tal-Kunsill, li se tinkludi skeda ta' żmien għal dawk l-azzjonijiet. F'każ bħal dan, il-pjan għandu jinkludi tabella addizzjonali (Tabella MTP 11), li tiddeskrivi l-azzjonijiet ta' politika speċifiċi biex jiġu indirizzati l-iżbilanċi eċċessivi u l-iskeda ta' żmien għall-implimentazzjoni ta' dawk l-azzjonijiet, kif mitlub skont ir-Regolament (UE) Nru 1176/2011. Meta l-pjan fuq terminu medju jservi wkoll bħala l-pjan ta' azzjoni korrettiva, huwa essenzjali li jidentifika b'mod ċar liema miżuri tal-pjan jindirizzaw l-iżbilanċi eċċessivi, u kif — fil-fehma tal-Istat Membru — l-pjan jissodisfa r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill skont il-Proċedura ta' Żbilanċ Eċċessiv (l-Artikolu 7(2) tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011).

([30]) Aktar gwida dwar ir-rekwiżiti ta' tali pjanijiet ta' azzjoni korrettiva tista' tkun meħtieġa fi stadju aktar tard.

*Tabella MTP 11*

**Riformi u investimenti biex jiġu indirizzati l-iżbilanċi eċċessivi (pjan ta' azzjoni korrettiva)**

| | | Skeda ta' żmien għal azzjonijiet ta' politika |
|---|---|---|
| 1 | Investiment/riforma A | "XX" |
| ... | ... | ... |
| X | Investiment/riforma X | "XX" |

2.9. *Annessi li għandhom jiġu inklużi mal-pjanijiet fuq terminu medju*

**Jekk applikabbli, il-pjan għandu jinkludi — f'anness — it-trajettorja referenzjarja, jew l-informazzjoni teknika, mibgħuta mill-Kummissjoni** (Artikolu 13(b)). Kif elaborat hawn fuq, meta l-pjan jinkludi perkors tan-nefqa netta ogħla mit-trajettorja referenzjarja maħruġa mill-Kummissjoni, l-Istat Membru għandu jipprovdi fil-pjan tiegħu argumenti ekonomiċi sodi u mmexxija mid-data li jispjegaw id-differenza.

**Fejn disponibbli, il-pjan għandu jinkludi wkoll anness bl-opinjoni tal-istituzzjonijiet fiskali indipendenti (IFIs) nazzjonali dwar il-projezzjonijiet makroekonomiċi u s-suppożizzjonijiet li jirfdu l-perkors tan-nefqa netta** (Artikolu 11(2)). L-Istati Membri jistgħu jitolbu lill-IFI rilevanti biex tagħti din l-opinjoni, filwaqt li jipprovdu biżżejjed żmien biex l-IFI tagħmel dan. Mill-1 ta' Mejju 2032, l-IFI rilevanti għandha toħroġ tali opinjoni — sakemm ikollha kapaċità suffiċjenti.

PARTI B

**REKWIŻITI TA' INFORMAZZJONI GĦAR-RAPPORTI TA' PROGRESS ANNWALI**

3. **Introduzzjoni**

**Ir-Rapporti ta' Progress Annwali (APRs, Annual Progress Reports) huma dokumenti kruċjali fil-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill li japprovaw il-pjanijiet fiskali-strutturali fuq terminu medju.** Huma għandhom jippreżentaw id-data tal-eżitu u jiddeskrivu l-passi ta' implimentazzjoni li ttieħdu jew li qed jittieħdu. L-ARPs għandhom jirrapportaw dwar in-nefqa netta u jekk il-perkors tan-nefqa netta stabbilit mill-Kunsill fir-rakkomandazzjoni tiegħu ġiex irrispettat, dwar l-implimentazzjoni tar-riformi u l-investiment li l-Kunsill elenka bħala li jirfdu estensjoni tal-perjodu ta' aġġustament, kif ukoll dwar l-implimentazzjoni usa' tar-riforma u l-investiment u l-inizjattivi ta' politika mill-Istati Membri ([31]). Huma jipprovdu wkoll informazzjoni aġġornata dwar miżuri li ġew inklużi fil-baġits annwali, bħal dettalji dwar miżuri ta' dħul diskrezzjonali u l-impatt baġitarju stmat tagħhom. Barra minn hekk, l-APRs jaġġornaw xi previżjonijiet makroekonomiċi. It-tabelli fl-APRs huma allinjati kemm jista' jkun mat-tabelli fil-pjanijiet fuq terminu medju.

**L-APRs ma jirrevedux l-impenji ta' politika ċentrali fil-pjanijiet fuq terminu medju.** L-impenji ta' politika ċentrali huma approvati mill-Kunsill u huma msemmija speċifikament fir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill. Filwaqt li l-APRs huma fundamentalment dokumenti *amministrattivi* u *fattwali* retrospettivi, l-Istati Membri jistgħu jużawhom ukoll biex iħabbru inizjattivi ta' politika rilevanti ġodda, b'mod partikolari fil-qasam tar-riformi strutturali u l-investimenti.

**L-APRs huma kontribut essenzjali għad-diversi proċessi taħt is-Semestru Ewropew tal-koordinazzjoni tal-politika ekonomika.** Filwaqt li jkomplu l-prattika tal-programmi nazzjonali ta' riforma, l-APRs għandhom jirrapportaw dwar il-progress fl-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi u l-indirizzar tal-iżbilanċi makroekonomiċi, il-progress fit-twettiq tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali (inkluż il-miri nazzjonali tal-2030 dwar l-impjiegi, il-ħiliet u t-tnaqqis tal-faqar), l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli, u l-progress fir-rispons għall-prijoritajiet komuni l-oħra tal-UE ([32]). Għat-tul tal-ħajja tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, l-APRs għandhom jinkludu wkoll ir-rapportar dwar il-progress fl-implimentazzjoni ta' kwalunkwe riforma u investiment tal-RRP inklużi fil-pjanijiet fuq terminu medju (ara t-Taqsima 4.6).

([31]) Għall-Istati Membri taż-żona tal-euro, l-Opinjonijiet tal-Kummissjoni dwar l-abbozzi tal-pjanijiet baġitarji (l-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) Nru 473/2013) se jikkontribwixxu wkoll għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill li japprovaw il-pjanijiet fuq terminu medju.

([32]) L-Istati Membri huma mħeġġa wkoll jirrapportaw dwar il-progress fl-implimentazzjoni tal-ibbaġitjar ekoloġiku.

**Fl-ispirtu tas-sjieda nazzjonali, din il-gwida ma tissuġġerix struttura mudell stretta għall-APRs.** L-Istati Membri huma liberi li jiddeċiedu dwar id-deskrizzjoni preċiża u l-livell ta' dettall tal-APR tagħhom (l-Istati Membri jista' jkollhom ħtiġijiet differenti għall-finijiet nazzjonali tagħhom), dment li l-APRs ikun fihom l-informazzjoni meħtieġa mir-Regolament. Biex tassisti lill-Istati Membri fit-tħejjija tal-APRs, din il-gwida tagħti ħarsa ġenerali lejn l-elementi li għandhom jiġu inklużi u li huma indispensabbli biex il-Kummissjoni tivvaluta kif xieraq il-konformità mar-Regolament, kif ukoll mudelli għat-tabelli li jirrapportaw l-informazzjoni meħtieġa.

## 4. Informazzjoni li għandha tiġi inkluża fir-Rapporti ta' Progress Annwali

**L-APR għandu jippreżenta d-data tal-eżitu u jiddeskrivi l-passi ta' implimentazzjoni li ttieħdu jew li qed jittieħdu.** Bħala prinċipju, il-fokus tal-APR għandu jkun fuq is-sena preċedenti, li tkopri l-perjodu ta' żmien mill-APR preċedenti jew mill-preżentazzjoni tal-pjan fuq terminu medju ([33]). Fl-istess ħin, minħabba l-possibbiltà ta' reviżjonijiet fid-*data* u informazzjoni oħra, it-tabelli fl-APR għandhom ikopru l-perjodu sħiħ mill-preżentazzjoni tal-pjan fuq terminu medju. Għaldaqstant, f'din il-parti tal-gwida, il-konvenzjoni fit-tabelli hija li s-sena T hija s-sena tal-preżentazzjoni tal-APR (is-*sena tal-APR*). L-għadd ta' snin ta' implimentazzjoni li qed jiġi rrapportat mill-APR jinqabad fit-tabelli minn T-X, b'"T-X" tirrappreżenta *s-sena bażi użata fir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill* ([34]). Pereżempju, jekk il-pjan fuq terminu medju jiġi ppreżentat fil-ħarifa tal-2024, l-APRs tas-snin li ġejjin dejjem se jirrapportaw *data* mill-2023.

**L-APR għandu jipprovdi informazzjoni dwar il-progress tal-implimentazzjoni tal-perkors tan-nefqa netta stabbilit mill-Kunsill fir-rakkomandazzjoni tiegħu** (Taqsima 4.2). Għandu jirrapporta wkoll aktar dettalji dwar l-iżviluppi makroekonomiċi u esterni (Taqsima4.3), kif ukoll l-iżviluppi baġitarji (Taqsima 4.4).

**Barra minn hekk, l-APR għandu jirrapporta dwar l-implimentazzjoni tal-azzjoni ta' politika li twettaq is-CSRs, il-prijoritajiet komuni tal-Unjoni, inkluż il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli.** B'mod partikolari, għandu jirrapporta dwar l-implimentazzjoni tal-impenji ta' riforma u investiment li jirfdu estensjoni tal-perjodu ta' aġġustament fiskali, jekk applikabbli; u l-implimentazzjoni ta' kwalunkwe riforma u investiment ieħor fil-pjan fuq terminu medju biex jiġu indirizzati l-prijoritajiet komuni tal-Unjoni u s-CSRs (Taqsima 4.6). L-annessi komprensivi għandhom jipprovdu aktar dettalji dwar l-implimentazzjoni tal-azzjonijiet ta' politika biex jitwettqu l-prinċipji tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u l-prijoritajiet komuni tal-Unjoni, kif ukoll dwar l-azzjoni ta' politika fit-twettiq tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (Taqsima 4.8).

**Meta jkun xieraq, l-APR għandu jirrapporta wkoll dwar kif l-Istat Membru jkun wieġeb għar-rakkomandazzjonijiet u d-deċiżjonijiet taħt proċessi oħra — f'konformità mar-rekwiżiti applikabbli.** Fil-prattika, dan ifisser li diversi flussi ta' rapportar jiġu integrati f'dokument uniku — l-APR — kull meta ż-żmien ikun allinjat biżżejjed. Tali rapportar jista' jikkonċerna, fost l-oħrajn, il-mod kif l-Istat Membru qed iwieġeb għal rakkomandazzjonijiet jew deċiżjonijiet skont il-Proċedura ta' Defiċit Eċċessiv (PDE) ([35]), rakkomandazzjonijiet skont il-Proċedura ta' Żbilanċ Makroekonomiku, jew twissijiet mill-Kummissjoni jew rakkomandazzjonijiet mill-Kunsill skont l-Artikolu 121(4) TFUE. F'każ ta' Proċedura ta' Defiċit Eċċessiv, l-APR għandu jispjega kif l-iżviluppi baġitarji rrapportati fit-tabelli standard jirrelataw mal-perkors ta' aġġustament skont il-Proċedura ta' Defiċit Eċċessiv. F'każ ta' proċedura ta' żbilanċ eċċessiv, l-APR għandu jinkludi tabella addizzjonali li tikkostitwixxi r-rapport ta' progress tal-pjan ta' azzjoni korrettiva (ara t-Taqsima 4.7).

### 4.1. *Proċess ta' konsultazzjoni*

**Meta applikabbli, l-APR għandu jipprovdi informazzjoni dwar id-diskussjonijiet dwar ir-rapporti ta' progress li saru mal-partijiet ikkonċernati rilevanti** (Artikolu 21(5)). L-APR għandu jipprovdi informazzjoni f'każ li l-Istat Membru jitlob lill-istituzzjoni fiskali indipendenti tipprovdi valutazzjoni tal-konformità tad-data dwar l-eżiti tal-baġit fl-APR mal-perkors tan-nefqa netta (Artikolu 23). L-APR għandu wkoll, meta applikabbli, jipprovdi informazzjoni dwar l-involviment tal-atturi istituzzjonali ewlenin u partijiet ikkonċernati rilevanti oħra (il-Parlament Nazzjonali, l-awtoritajiet reġjonali/lokali, is-sħab soċjali u l-partijiet ikkonċernati tas-soċjetà ċivili) fit-tħejjija u l-implimentazzjoni tar-riformi u l-investimenti.

([33]) Għall-ewwel sena inizjali tal-APRs, li għandhom jiġu ppreżentati sat-30 ta' April 2025, l-Istati Membri huma mħeġġa jirrapportaw l-implimentazzjoni tal-politika li tkun seħħet mill-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2023, inkluż il-konformità mar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi tal-2024.

([34]) Is-sena bażi fir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill hija l-aħħar sena li għaliha hemm *data* tal-eżitu disponibbli fiż-żmien tar-rakkomandazzjoni.

([35]) Pereżempju, jekk iż-żmien jippermetti dan, l-APR jista' jintegra b'mod utli r-rapport dwar azzjoni effettiva skont il-Proċedura ta' Defiċit Eċċessiv.

4.2. *Informazzjoni dwar ir-rispett tal-perkors tan-nefqa netta*

**L-APRs għandhom jirrapportaw dwar il-progress tal-implimentazzjoni tal-perkors tan-nefqa netta stabbilit mir-rakkomandazzjoni tal-Kunsill.** It-Tabella APR 1a tfakkar dik ir-rakkomandazzjoni, kif ukoll id-*data* tal-eżitu għas-sena/snin preċedenti, u l-projezzjonijiet għas-sena attwali u s-sena sussegwenti. It-Tabella APR 1a fiha l-informazzjoni bażika biex jiġi vvalutat jekk il-perkors tan-nefqa netta stabbilit mill-Kunsill fir-rakkomandazzjoni tiegħu huwiex qed jiġi rrispettat. L-APR għandu jikkwantifika u jispjega kwalunkwe devjazzjoni 'l fuq (attwali jew fil-projezzjonijiet) ([36]) mill-perkors tan-nefqa netta stabbilit mill-Kunsill fir-rakkomandazzjoni tiegħu. Id-*data* dwar in-nefqa netta fit-Tabella APR 1a hija kkomplementata minn tabella ġenerali li tiġbor fil-qosor l-eżiti u l-projezzjonijiet għall-varjabbli baġitarji ewlenin (Tabella APR 1b). B'mod partikolari, it-tabella tiġbor flimkien il-varjabbli ewlenin li huma rrapportati fit-Tabella APR 4. Id-*data* fl-APR, u b'mod partikolari, it-Tabella APR 1a, hija input għall-kont ta' kontroll stabbilit, u ġestit, mill-Kummissjoni biex jinżamm rekord tad-devjazzjonijiet kumulattivi 'l isfel tan-nefqa netta osservata mill-perkors tan-nefqa netta kif stabbilit mill-Kunsill (Artikolu 22(2)). Il-Kummissjoni tippubblika b'mod regolari (mill-inqas darba fis-sena) il-kont ta' kontroll għal kull Stat Membru.

*Tabella APR 1a*

**Referenza operattiva unika għas-sorveljanza fiskali**

| | | | Rakkomandazzjoni tal-Kunsill | | | Eżitu/projezzjoni | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | T-X | ... | T | T-X | ... | T |
| | | | rata ta' tkabbir | | rata ta' tkabbir | rata ta' tkabbir | | rata ta' tkabbir |
| 1 | Nefqa primarja netta ffinanzjata fil-livell nazzjonali | (annwali) | XX.X% | ... | XX.X% | ikkalkulata | ... | ikkalkulata |
| 2 | | (kumulattiva) | XX.X% | ... | XX.X% | ikkalkulata | ... | ikkalkulata |

*Tabella APR 1b*

**Varjabbli ewlenin**

| | | | Eżitu/projezzjoni | | |
|---|---|---|---|---|---|
| | | | T-X | ... | T |
| | | | % PDG | | % PDG |
| 1 | Self nett | APR Tabella 4, linja 3 | XX.X% | ... | XX.X% |
| 2 | Bilanċ strutturali | APR Tabella 4, linja 3 | XX.X% | ... | XX.X% |
| 3 | Bilanċ primarju strutturali | APR Tabella 4, linja 3 | XX.X% | ... | XX.X% |
| 4 | Dejn gross | APR Tabella 4, linja 3 | XX.X% | ... | XX.X% |
| 5 | Bidla fid-dejn gross | APR Tabella 4, linja 3 | XX.X% | ... | XX.X% |

Nota: Il-varjabbli ewlenin murija fit-Tabella APR 1b ma jikkostitwixxux l-element ċentrali tal-pjan fuq terminu medju. Ir-referenza operattiva unika għas-sorveljanza fiskali hija espressa f'termini tar-rati ta' tkabbir tan-nefqa primarja netta ffinanzjata fil-livell nazzjonali (ara t-Tabella APR 1a).

4.3. *Żviluppi makroekonomiċi*

**L-APRs għandhom jirrapportaw dwar l-iżviluppi makroekonomiċi u esterni matul l-implimentazzjoni tal-pjan.** It-tabelli għandhom jinkludu *data* sas-sena T, filwaqt li l-projezzjonijiet għas-sena T+1 huma fakultattivi. It-tabelli dwar l-iżviluppi makroekonomiċi u l-iżviluppi esterni għandu jkun fihom l-aħħar previżjoni disponibbli ([37]).

([36]) Iċ-ċifri ta' projezzjoni għal T u T+1 fit-Tabella APR 1 mhumiex normattivi. Huma għandhom ikunu previżjonijiet li jqisu l-politiki mħabbra b'mod kredibbli f'dettall suffiċjenti fil-mument tal-preżentazzjoni tal-APR, u mhux il-miri ta' politika.

([37]) Għandha tingħata d-data limitu tal-previżjoni.

*Tabella APR 2*

**Żviluppi makroekonomiċi**

| | | | T-X | T-X | ... | T | T+1 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | PDG | Kodiċi ESA | bn NAC | rata ta' tkabbir | | rata ta' tkabbir | rata ta' tkabbir |
| 1 | PDG reali | B.1*g | | XX.X% | ... | XX.X% | fakultattiva |
| 2 | Deflatur tal-PDG | | | XX.X% | ... | XX.X% | fakultattiva |
| 3 | PDG nominali | B.1*g | XX.X | XX.X% | ... | XX.X% | fakultattiva |
| | Komponenti ta' PDG reali | | bn NAC | rata ta' tkabbir | | rata ta' tkabbir | rata ta' tkabbir |
| 4 | Nefqa fuq il-konsum privat | P.3 | | XX.X% | ... | XX.X% | fakultattiva |
| 5 | Nefqa fuq il-konsum tal-gvern | P.3 | | XX.X% | ... | XX.X% | fakultattiva |
| 6 | Formazzjoni grossa tal-kapital fiss | P.51 | | XX.X% | ... | XX.X% | fakultattiva |
| 7 | Bidliet fl-inventarji u akkwist nett ta' oġġetti ta' valur (% tal-PDG) | P.52 + P.53 | | fakultattiva | ... | fakultattiva | fakultattiva |
| 8 | Esportazzjonijiet ta' oġġetti u servizzi | P.6 | | XX.X% | ... | XX.X% | fakultattiva |
| 9 | Importazzjonijiet ta' oġġetti u servizzi | P.7 | | XX.X% | ... | XX.X% | fakultattiva |
| | Kontribut għat-tkabbir reali tal-PDG | | | | | | |
| 10 | Domanda domestika finali | | | XX.X | ... | XX.X | fakultattiva |
| 11 | Bidliet fl-inventarji u akkwist nett ta' oġġetti ta' valur | P.52 + P.53 | | XX.X | ... | XX.X | fakultattiva |
| 12 | Bilanċ estern ta' oġġetti u servizzi | B.11 | | XX.X | ... | XX.X | fakultattiva |
| | Deflaturi u HICP | | | rata tal-tkabbir | | rata tal-tkabbir | rata tal-tkabbir |
| 13 | Deflatur tal-konsum privat | | | XX.X% | ... | XX.X% | fakultattiva |
| 14 | p.m. HICP | | | XX.X% | ... | XX.X% | fakultattiva |
| 15 | Deflatur tal-konsum tal-gvern | | | XX.X% | ... | XX.X% | fakultattiva |
| 16 | Deflatur tal-investiment | | | XX.X% | ... | XX.X% | fakultattiva |
| 17 | Deflatur tal-prezz tal-esportazzjoni (oġġetti u servizzi) | | | XX.X% | ... | XX.X% | fakultattiva |
| 18 | Deflatur tal-prezz tal-importazzjoni (oġġetti u servizzi) | | | XX.X% | ... | XX.X% | fakultattiva |
| | Suq tax-xogħol | | livell | rata ta' tkabbir | rata ta' tkabbir | rata ta' tkabbir | rata ta' tkabbir |
| 19 | Impjieg domestiku (1 000 persuna, kontijiet nazzjonali) | | XX.X | XX.X% | ... | XX.X% | fakultattiva |
| 20 | Sigħat annwali medji maħduma għal kull persuna impjegata | | XX.X | XX.X% | ... | XX.X% | fakultattiva |
| 21 | PDG reali għal kull persuna impjegata | | | ikkalkulata | ... | ikkalkulata | fakultattiva |
| 22 | PDG reali għal kull siegħa maħduma | | | ikkalkulata | ... | ikkalkulata | fakultattiva |
| 23 | Kumpens lil-impjegati (bn NAC) | | XX.X | XX.X% | ... | XX.X% | fakultattiva |
| 24 | Kumpens għal kull impjegat (= 23 / 19) | | ikkalkulata | ikkalkulata | ... | ikkalkulata | fakultattiva |
| | | | | % | | % | % |
| 25 | Rata tal-qgħad (%) | | | XX.X% | | XX.X% | fakultattiva |
| | PDG potenzjali u komponenti | | | rata ta' tkabbir | | rata ta' tkabbir | rata ta' tkabbir |
| 26 | PDG potenzjali | | | XX.X% | ... | XX.X% | fakultattiva |
| | Kontribut għat-tkabbir potenzjali | | | | | | |
| 27 | Xogħol | | | XX.X | ... | XX.X | fakultattiva |
| 28 | Kapital | | | XX.X | ... | XX.X | fakultattiva |
| 29 | Produttività tal-fattur totali | | | XX.X | ... | XX.X | fakultattiva |
| | | | | % PDG potenzjali | | % PDG potenzjali | % PDG potenzjali |
| 30 | Distakk fl-output (% PDG potenzjali) | | | XX.X% | ... | XX.X% | fakultattiva |

*Tabella APR3*

**Żviluppi esterni**

| | | | T-X | ... | T | T+1 |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | Rata tal-imgħax fuq terminu qasir | (%, medja annwali) | XX.X% | ... | XX.X% | fakultattiva |
| 2 | Rata tal-imgħax fuq terminu twil | (%, medja annwali) | XX.X% | ... | XX.X% | fakultattiva |
| 3 | Rata tal-kambju USD/EUR | (medja annwali) | XX.X | ... | XX.X | fakultattiva |
| 4 | Rata tal-kambju NAC/EUR (għal Stati Membri li mhumiex fiż-ŻE biss) | (medja annwali) | XX.X | ... | XX.X | fakultattiva |
| 5 | PDG reali dinji (minbarra l-UE) | (rata ta' tkabbir) | XX.X% | ... | XX.X% | fakultattiva |
| 6 | PDG reali tal-UE | (rata ta' tkabbir) | XX.X% | ... | XX.X% | fakultattiva |
| 7 | Volum ta' importazzjoni dinjija, minbarra l-UE | (rata ta' tkabbir) | XX.X% | ... | XX.X% | fakultattiva |
| 8 | Prezzijiet taż-żejt | (Brent, USD/barmil) | XX.X | ... | XX.X | fakultattiva |

4.4. *Żviluppi baġitarji*

**Il-perkors tan-nefqa netta stabbilit mill-Kunsill fir-rakkomandazzjoni tiegħu jikkostitwixxi r-referenza operattiva unika għas-sorveljanza fiskali matul il-fażi ta' implimentazzjoni.** Ir-rati annwali rakkomandati (u, konsegwentement, kumulattivi) jikkostitwixxu r-restrizzjoni baġitarja li tinkwadra l-politika fiskali nazzjonali matul il-perjodu ta' żmien tal-pjan. Għalhekk, it-tkabbir nett fin-nefqa huwa r-referenza operattiva unika għall-valutazzjoni tal-eżistenza ta' devjazzjoni u l-iskattar ta' azzjonijiet ta' infurzar. L-APR jista' jirrapporta dwar kwalunkwe obbligazzjoni kontinġenti li tkun immaterjalizzat, kif ukoll dwar kwalunkwe obbligazzjoni kontinġenti ġdida meqjusa rilevanti, inkluż dwar il-klima u n-natura.

**L-APR għandu jinkludi projezzjonijiet baġitarji għal T u, b'mod fakultattiv, għal T+1.** Iċ-ċifri għal T u T+1 mhumiex normattivi — huma previżjonijiet li jqisu l-politiki mħabbra b'mod kredibbli f'dettall suffiċjenti, fil-mument tal-preżentazzjoni tal-APR, u mhux miri ta' politika. Dawn iċ-ċifri għal T u T+1 jistgħu jikkontribwixxu għal identifikazzjoni bikrija ta' devjazzjonijiet mill-perkors tan-nefqa netta stabbilit mill-Kunsill.

**L-APR għandu jirrapporta dwar il-miżuri ta' dħul diskrezzjonali u l-miżuri ta' darba li kkontribwew għall-eżiti u l-projezzjonijiet tal-baġit.** Ir-rapportar dwar il-miżuri tan-nefqa huwa fakultattiv. Għall-kuntrarju tal-pjanijiet fuq terminu medju, ir-rapportar ta' miżuri ta' dħul diskrezzjonali u miżuri ta' darba jeħtieġ li jkun eżawrjenti għall-perjodu ta' żmien sas-sena T (Tabella APR 5) minħabba li tali informazzjoni hija indispensabbli biex jiġu kkalkulati n-nefqa netta u

r-rati ta' tkabbir rispettivi. Barra minn hekk, għal kalkolu preċiż tad-devjazzjonijiet kumulattivi fil-kont ta' kontroll, l-Istati Membri għandhom jipprovdu stampa sħiħa u aġġornata fis-snin inzjali suċċessivi tal-APR. B'mod partikolari, dan jimplika li l-Istati Membri għandhom jipprovdu wkoll stimi riveduti għall-impatt tal-miżuri ta' politika rrapportati preċedentement fl-abbozzi tal-pjanijiet baġitarji tagħhom (għall-Istati Membri taż-żona tal-euro) jew APRs preċedenti. Ir-rapportar dwar miżuri ta' nefqa (minbarra miżuri ta' darba) jista' jiġi inkluż wkoll, iżda huwa fakultattiv, peress li tali informazzjoni mhijiex meħtieġa biex tiġi kkalkulata n-nefqa netta. Miżuri b'impatt baġitarju stmat ta' aktar minn 0,1 % tal-PDG għandhom jiġu deskritti fid-dettall, filwaqt li dawk b'impatt baġitarju taħt dan il-limitu jeħtieġ li jiġu identifikati u li jiġi indikat l-impatt baġitarju aggregat tagħhom. Barra minn hekk, kwalunkwe miżura ta' darba (kemm dħul kif ukoll nefqa) inkluża fl-APR għandha tiġi identifikata u spjegata. Is-suppożizzjonijiet sottostanti użati biex jiġi stmat l-impatt baġitarju ta' kull miżura (eż. elastiċitajiet jew evoluzzjoni tal-bażi għat-taxxa) għandhom jiġu deskritti wkoll b'mod xieraq. Kull miżura b'impatt inkrementali fuq il-kontijiet tas-sena T għandha tiġi rrapportata fil-ħarifa ta' T-1 meta jitħejja l-baġit, u tiġi riveduta kif meħtieġ fir-rebbiegħa ta' T u fil-ħarifa ta' T matul l-implimentazzjoni tal-baġit u fir-rebbiegħa ta' T+1. Wara r-rapportar fir-rebbiegħa ta' T+1, is-servizzi tal-Kummissjoni se jikkunsidraw il-valutazzjoni tal-miżuri ta' dħul diskrezzjonali (u ta' darba) li jaffettwaw is-sena T bħala stabbli, sakemm ma jkunx hemm raġunijiet speċifiċi għal reviżjoni ulterjuri (dan jista' jseħħ eż., f'każ ta' reviżjonijiet sinifikanti tad-*data* tal-kontijiet nazzjonali li jaffettwaw diversi snin).

**Innota li l-miżuri ta' nefqa u ta' dħul huma ttrattati b'mod differenti.** Kif indikat hawn fuq, il-qafas ta' governanza ekonomika ma għandu l-ebda preġudizzju lejn miżuri ta' dħul fuq miżuri ta' nefqa, jew viċi versa. Madankollu, filwaqt li l-eżitu tal-azzjonijiet ta' politika relatati man-nefqa (iż-żieda jew it-tnaqqis tan-nefqa jew it-trasferiment tal-krediti baġitarji minn xi kategoriji ta' nfiq għal oħrajn) huwa fl-aħħar mill-aħħar rifless fid-diversi varjabbli tan-nefqa li jikkompilaw l-istituti nazzjonali tal-istatistika u l-Eurostat, il-miżuri ta' dħul diskrezzjonali jridu jiġu stmati *ex ante* meta jitħejjew il-baġits nazzjonali (u fl-abbozzi tal-pjanijiet baġitarji għall-Istati Membri taż-żona tal-euro), matul l-implimentazzjoni u *ex post*. L-APR għandu jirrapporta wkoll dwar in-nefqa nazzjonali fuq il-kofinanzjament ta' programmi ffinanzjati mill-Unjoni u l-elementi ċikliċi tal-benefiċċju tal-qgħad (fit-Tabella APR 4) ([38]).

([38]) Għad-definizzjoni ta' kofinanzjament nazzjonali ta' programmi ffinanzjati mill-Unjoni, jekk jogħġbok ara t-Taqsima 2.4.

*Tabella APR 4*

**Żviluppi bażitarji**

| | | | T-X | T-X | ... | T | T+1 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Dħul | Kodiċi ESA | bn NAC | % PDG | | % PDG | % PDG |
| 1 | Taxxi fuq il-produzzjoni u l-importazzjonijiet | D.2 | XX.X | XX.X% | ... | XX.X% | fakultattiva |
| 2 | Taxxi attwali fuq l-introjtu, il-ġid, eċċ | D.5 | XX.X | XX.X% | ... | XX.X% | fakultattiva |
| 3 | Kontribuzzjonijiet soċjali | D.61 | XX.X | XX.X% | ... | XX.X% | fakultattiva |
| 4 | Dħul attwali ieħor | (P.11+P.12+P.131)+D.39+D.4+D.7 | XX.X | XX.X% | ... | XX.X% | fakultattiva |
| 5 | Taxxi kapitali | D.91 | XX.X | XX.X% | ... | XX.X% | fakultattiva |
| 6 | Dħul kapitali ieħor | D.92+D.99 | XX.X | XX.X% | ... | XX.X% | fakultattiva |
| 7 | Dħul totali (= 1+2+3+4+5+6) | TR | ikkalkulata | ikkalkulata | ... | ikkalkulata | fakultattiva |
| 8 | Li minnu: Trasferimenti mill-UE **(introjtu dovut, mhux flus kontanti)** | D.7EU+D.9EU | XX.X | XX.X% | ... | XX.X% | fakultattiva |
| 9 | Dħul totali ieħor minbarra trasferimenti mill-UE (= 7-8) | | ikkalkulata | ikkalkulata | ... | ikkalkulata | fakultattiva |
| 10 | p.m. Miżuri ta' dħul (żidiet, minbarra miżuri ffinanzjati mill-UE) | | XX.X | XX.X% | ... | XX.X% | fakultattiva |
| 11 | p.m. Dħul ta' darba inkluż fil-projezzjonijiet (livelli, minbarra miżuri ffinanzjati mill-UE) | | XX.X | XX.X% | ... | XX.X% | fakultattiva |
| | Nefqa | | bn NAC | % PDG | | % PDG | % PDG |
| 12 | Kumpens lill-impjegati | D.1 | XX.X | XX.X% | ... | XX.X% | fakultattiva |
| 13 | Konsum intermedju | P.2 | XX.X | XX.X% | ... | XX.X% | fakultattiva |
| 14 | Nefqa f'imgħax | D.41 | XX.X | XX.X% | ... | XX.X% | fakultattiva |
| 15 | Benefiċċji soċjali oħra minbarra trasferimenti soċjali mhux finanzjarji | D.62 | XX.X | XX.X% | ... | XX.X% | fakultattiva |
| 16 | Trasferimenti soċjali mhux finanzjarji permezz ta' produtturi tas-suq | D.632 | XX.X | XX.X% | ... | XX.X% | fakultattiva |
| 17 | Sussidji | D.3 | XX.X | XX.X% | ... | XX.X% | fakultattiva |
| 18 | Nefqa attwali oħra | D.29+D.4+D.41+D.5+D.7+D.8 | XX.X | XX.X% | ... | XX.X% | fakultattiva |
| 19 | Formazzjoni grossa tal-kapital fiss | P.51 | XX.X | XX.X% | ... | XX.X% | fakultattiva |
| 20 | Li minnu: Investiment pubbliku ffinanzjat fil-livell nazzjonali | | XX.X | XX.X% | ... | XX.X% | fakultattiva |
| 21 | Trasferimenti kapitali | D.9 | XX.X | XX.X% | ... | XX.X% | fakultattiva |
| 22 | Nefqa kapitali oħra | P.52+P.53+NP | XX.X | XX.X% | ... | XX.X% | fakultattiva |
| 23 | Nefqa totali (= 12+13+14+15+16+17+18+19+21+22) | TE | ikkalkulata | ikkalkulata | ... | ikkalkulata | fakultattiva |
| 24 | Li minnha: Nefqa ffinanzjata permezz ta' trasferimenti mill-UE (= 8) | D.7EU+D.9EU | ikkalkulata | ikkalkulata | ... | ikkalkulata | fakultattiva |
| 25 | Nefqa ffinanzjata fil-livell nazzjonali (23-24) | | ikkalkulata | ikkalkulata | ... | ikkalkulata | fakultattiva |
| 26 | p.m. Kofinanzjament nazzjonali ta' programmi ffinanzjati mill-Unjoni | | XX.X | XX.X% | ... | XX.X% | fakultattiva |
| 27 | p.m. Komponent ċikliku ta' benefiċċji tal-qgħad | | XX.X | XX.X% | ... | XX.X% | fakultattiva |
| 28 | p.m. Nefqa ta' darba inkluża fil-projezzjonijiet (livelli, minbarra miżuri ffinanzjati mill-UE) | | XX.X | XX.X | ... | XX.X | fakultattiva |
| 29 | Nefqa primarja netta ffinanzjata fil-livell nazzjonali (qabel miżuri ta' dħul) (= 25-26-27-28-14) | | ikkalkulata | ikkalkulata | ... | ikkalkulata | fakultattiva |
| | Nefqa primarja netta ffinanzjata fil-livell nazzjonali | | | rata ta' tkabbir | | rata ta' tkabbir | rata ta' tkabbir |
| 30 | Tkabbir tan-nefqa primarja netta ffinanzjata fil-livell nazzjonali | APR Tabella 1a, linja 1 | | ikkalkulata | ... | ikkalkulata | fakultattiva |
| | Bilanċi | | bn NAC | % PDG | | % PDG | % PDG |
| 31 | Self nett (= 7-23) | B.9 | ikkalkulata | ikkalkulata | ... | ikkalkulata | fakultattiva |
| 32 | Bilanċ primarju (= 31-14) | B.9-D.41p | ikkalkulata | ikkalkulata | ... | ikkalkulata | fakultattiva |
| | Aġġustament ċikliku | | | % PDG | | % PDG | % PDG |
| 33 | Bilanċ strutturali | | | XX.X% | ... | XX.X% | fakultattiva |
| 34 | Bilanċ primarju strutturali | | | XX.X% | ... | XX.X% | fakultattiva |
| | Dejn | | bn NAC | % PDG | | % PDG | % PDG |
| 35 | Dejn gross | | XX.X | XX.X% | ... | XX.X% | fakultattiva |
| 36 | Bidla fid-dejn gross | | XX.X | XX.X% | ... | XX.X% | fakultattiva |
| 37 | Kontribuzzjonijiet għal bidliet fid-dejn gross | | | | | | |
| 38 | Bilanċ primarju (= minus 32) | | | ikkalkulata | ... | ikkalkulata | fakultattiva |
| 39 | Effett valanga | | | ikkalkulata | ... | ikkalkulata | fakultattiva |
| 40 | Nefqa f'imgħax (= 14) | | | ripetuta | ... | ripetuta | fakultattiva |
| 41 | Tkabbir | | | ikkalkulata | ... | ikkalkulata | fakultattiva |
| 42 | Inflazzjoni | | | ikkalkulata | ... | ikkalkulata | fakultattiva |
| 43 | Aġġustament stokk-fluss (= 36-38-39) | | | ikkalkulata | ... | ikkalkulata | fakultattiva |
| | | | | % | | % | % |
| 44 | p.m. Rata ta' imgħax implikita fuq id-dejn (= 14 / DEBT(t-1) ) | | | XX.X% | ... | XX.X% | fakultattiva |

Noti: Il-linja 30 "tkabbir tan-nefqa primarja netta ffinanzjata fil-livell nazzjonali " tista' tiġi kkalkulata bl-użu tal-formula li ġejja: $e_t = \frac{NE_t - REV_t}{NE_{t-1}} - 1 = \frac{(NE_t / GDP_t) - (REV_t / GDP_t)}{(NE_{t-1} / GDP_{t-1})} * (1 + g_t) - 1$, fejn $e_t$ huwa t-tkabbir tan-nefqa primarja netta ffinanzjata fil-livell nazzjonali (Tabella APR 4, linja 30) għas-sena *t*, $NE_t / GDP_t$ u $NE_{t-1} / GDP_{t-1}$ huma n-nefqa primarja netta ffinanzjata fil-livell nazzjonali (qabel il-miżuri ta' dħul) bħala sehem tal-PDG fis-snin *t* u *t-1*, rispettivament (Tabella APR 4, linja 29), $REV_t / GDP_t$ huwa l-miżuri ta' dħul bħala sehem tal-PDG fis-sena *t* (Tabella APR 4, linja 10), u $g_t$huwa r-rata ta' tkabbir tal-PDG nominali fis-sena *t* (Tabella APR 2, linja 3).

*Tabella APR 5*

**Impatt stmat ta' miżuri ta' nefqa u ta' dħul diskrezzjonali**

| | Titlu/miżura ta' deskrizzjoni | Ta' darba | Nefqa / Dħul | Sottosettur | T-X | | ... | T |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | Kodiċi ESA | % PDG | | % PDG |
| 1 | Miżura 1 | Iva | Nefqa | fakultattiva | Kodiċi | XX.X% | ... | XX.X% |
| _ | ... | ... | ... | ... | ... | ... | ... | ... |
| X | Miżura X | Le | Dħul | fakultattiva | Kodiċi | XX.X% | ... | XX.X% |
| Z | TOTAL | | | | | ikkalkulata | ... | ikkalkulata |

Nota: minbarra l-miżuri ffinanzjati mill-UE. Il-miżuri għandhom jiġu rrapportati f'inkrementi. Miżuri ta' darba għandhom dejjem jiġu rreġistrati bħala li għandhom effett ta' +/-X fis-sena tal-ewwel impatt baġitarju u -/+ X fis-sena ta' wara, jiġifieri l-impatt ġenerali fuq il-livell ta' dħul jew infiq f'sentejn konsekuttivi għandu jkun żero. Iż-żidiet (tnaqqis) kemm fin-nefqa kif ukoll fid-dħul għandhom jiġu rrapportati b'sinjal pożittiv (negattiv).

4.5. *Għotjiet u self mill-RRF*

Matul il-ħajja tal-RRF, l-APRs għandhom ikomplu jirrapportaw dwar in-nefqa u kostijiet oħra ffinanzjati mill-għotjiet u s-self mill-RRF.

*Tabella APR 6*

**Għotjiet mill-RRF**

| | | 2020 | ... | 2026 |
|---|---|---|---|---|
| | Dħul mill-għotjiet mill-RRF | % PDG | | % PDG |
| 1 | Għotjiet mill-RRF kif inklużi fil-projezzjonijiet tad-dħul | XX.X% | ... | XX.X% |
| 2 | Ħlasijiet ta' flus kontanti ta' għotjiet mill-RRF mill-UE | XX.X% | ... | XX.X% |
| | Nefqa ffinanzjata minn għotjiet mill-RRF | | | |
| 3 | Nefqa attwali totali | XX.X% | ... | XX.X% |
| 4 | Formazzjoni grossa tal-kapital fiss | XX.X% | ... | XX.X% |
| 5 | Trasferimenti tal-kapital | XX.X% | ... | XX.X% |
| 6 | Nefqa kapitali totali (4+5) | ikkalkulata | ... | ikkalkulata |
| | Kostijiet oħra ffinanzjati minn għotjiet mill-RRF | | | |
| 7 | Tnaqqis fid-dħul mit-taxxa | XX.X% | ... | XX.X% |
| 8 | Kostijiet oħra b'impatt fuq id-dħul | XX.X% | ... | XX.X% |
| 9 | Tranżazzjonijiet finanzjarji | XX.X% | ... | XX.X% |

*Tabella APR 7*

**Self mill-RRF**

| | | 2020 | ... | 2026 |
|---|---|---|---|---|
| | Dħul mis-self mill-RRF | % PDG | | % PDG |
| 1 | Self mill-RRF kif inkluż fil-projezzjonijiet tad-dħul | XX.X% | ... | XX.X% |
| 2 | Ħlasijiet ta' flus kontanti ta' self mill-RRF mill-UE | XX.X% | ... | XX.X% |
| | Nefqa ffinanzjata minn self mill-RRF | | | |
| 3 | Nefqa attwali totali | XX.X% | ... | XX.X% |
| 4 | Formazzjoni grossa tal-kapital fiss | XX.X% | ... | XX.X% |
| 5 | Trasferimenti tal-kapital | XX.X% | ... | XX.X% |
| 6 | Nefqa kapitali totali (4+5) | ikkalkulata | ... | ikkalkulata |
| | Kostijiet oħra ffinanzjati minn self mill-RRF | | | |
| 7 | Tnaqqis fid-dħul mit-taxxa | XX.X% | ... | XX.X% |
| 8 | Kostijiet oħra b'impatt fuq id-dħul | XX.X% | ... | XX.X% |
| 9 | Tranżazzjonijiet finanzjarji | XX.X% | ... | XX.X% |

4.6. *Informazzjoni dwar ir-riformi u l-investimenti*

**Għal pajjiżi b'perjodu ta' aġġustament estiż sa seba' snin, l-APRs għandhom jirrapportaw speċifikament dwar l-implimentazzjoni tal-impenji ta' riforma u ta' investiment li jirfdu l-estensjoni, kif elenkati fir-rakkomandazzjoni tal-Kunsill.** L-Istat Membru jrid jikkonforma b'mod sodisfaċenti mas-sett ta' impenji ta' riforma u ta' investiment li jirfdu l-estensjoni, u fin-nuqqas ta' dan il-Kunsill jista' jirrakkomanda perkors tan-nefqa netta rivedut b'perjodu ta' aġġustament iqsar abbażi ta' rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni (Artikolu 20). Fit-Tabella APR 8, l-Istati Membri għandhom jirrapportaw dwar l-istat ta' implimentazzjoni ta' kull wieħed mill-passi ta' implimentazzjoni (fit-triq it-tajba, imdewwem, lest jew mhux lest). Għal kull pass li jitlesta, it-test tal-APR għandu jispjega għaliex l-Istat Membru jqis li dan il-pass ikun tlesta — f'konformità mal-indikaturi u l-objettiv tiegħu. Għal kull pass li għadu ma tlestiex, it-test tal-APR għandu jispjega s-sitwazzjoni attwali kontra l-iskeda ta' żmien stabbilita fir-rakkomandazzjoni tal-Kunsill. Kwalunkwe dewmien jeħtieġ li jiġi rrapportat bi spjegazzjonijiet dettaljati, inkluż jekk hemmx ċirkostanzi oġġettivi li jipprevjenu l-implimentazzjoni sal-iskadenza prevista fir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill. Bl-istess mod, f'każ li kwalunkwe riforma jew investiment ikunu ġew aġġustati mid-disinn oriġinarjament miftiehem tiegħu, kif ukoll f'każ ta' kwalunkwe treġġigħ lura jew nuqqas ta' tlestija, l-APR għandu jkun fih spjegazzjonijiet dettaljati ([39]). Il-Kummissjoni se tivvaluta l-ispjegazzjoni pprovduta u tista' titlob spjegazzjoni ulterjuri u/jew tieħu azzjoni ulterjuri.

([39]) F'każ ta' dubju, l-Istati Membri huma mħeġġa jiddiskutu mal-Kummissjoni fil-livell tekniku qabel ma jippreżentaw ir-rapport ta' progress.

*Tabella APR 8*

**Progress fir-riformi u l-investimenti li jirfdu estensjoni tal-perjodu ta' aġġustament**

| | | RRF / PA | CSR | Prijoritajiet komuni | Objettiv ewlieni | Passi ewlenin | Data ta' implimentazzjoni ppjanata | Indikatur(i) | Pass ta' status "fit-triq it- |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | Investiment/riforma A | "XX" | CSRX.X; MIP rakkomanda | "XX" | "XX" | Pass 1<br>...<br>Pass Z | QX 20XX<br>...<br>QX 20XX | "XX"<br>...<br>"XX" | Lest<br>...<br>Imdewwem |
| _ | ... | ... | ... | ... | ... | ... | ... | ... | ... |
| X | Investiment/riforma X | "XX" | CSRX.X | "XX" | "XX" | Pass 1<br>...<br>Pass Z | QX 20XX<br>...<br>QX 20XX | "XX"<br>...<br>"XX" | Lest<br>....<br>Fit-triq it-tajba |

Noti: Ħlief għall-kolonna "pass tal-istatus fit-triq it-tajba", il-kolonni għandhom jirrepetu l-informazzjoni inkluża fir-rakkomandazzjoni tal-Kunsill. il-kolonna "RRF/PA" għandha tkun "RRF" jekk ir-riforma/l-investiment tkun/ikun appoġġata/appoġġat taħt il-kappa tal-RRP tal-Istat Membru; "PA" jekk ir-riforma/l-investiment tkun/ikun ukoll parti mill-ftehim ta' sħubija tal-Istat Membru u tibqa' vojta f'każijiet oħra. Għar-riformi u l-investimenti li jirriżultaw mill-RRF, il-kolonna "RRF/PA" għandha tinkludi wkoll referenza għall-miżuri fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill rispettiva. "Data ta' implimentazzjoni ppjanata" għandha tikkorrispondi għad-"data ta' implimentazzjoni ppjanata" għal kull pass, kif inkluż fir-rakkomandazzjoni tal-Kunsill li tapprova l-pjan fuq terminu medju. F'konformità mal-kategoriji ta' rapportar f'FENIX, il-"pass tal-istatus fit-triq it-tajba" għal kull pass għandu jindika jekk il-pass huwiex "fit-triq it-tajba" (il-pass huwiex fit-triq it-tajba biex jitlesta sad-data ta' implimentazzjoni ppjanata), "imdewwem" (il-pass se jitlesta aktar tard mid-data ta' implimentazzjoni ppjanata, li tkun għadha ma għaddietx fiż-żmien tar-rapportar), "lest" (il-pass ikun tlesta), jew "mhux lest" (id-data ta' implimentazzjoni ppjanata tkun għaddiet sa żmien tar-rapportar, iżda l-pass ikun qed jesperjenza dewmien jew ma jistax/mhux se jitlesta).

**L-APR għandu jirrapporta dwar l-implimentazzjoni ta' riformi u investimenti oħra inklużi fil-pjan fuq terminu medju.** L-APRs għandhom jinkludu t-Tabella APR 9, li tkopri r-riformi u l-investimenti elenkati fil-pjanijiet fuq terminu medju li huma maħsuba biex jikkontribwixxu għall-indirizzar tal-prijoritajiet komuni tal-Unjoni u tas-CSRs ([40]). Peress li l-pjan fuq terminu medju jiddeskrivi l-azzjoni tal-Istat Membru kkonċernat biex jikkoreġi l-iżbilanċi skont il-Proċedura ta' Żbilanċ Makroekonomiku billi jindirizza s-CSRs rilevanti, l-APR għandu jirrapporta wkoll dwar il-progress fl-indirizzar ta' dawk l-iżbilanċi ([41]). Ir-rapportar dwar il-miżuri kollha li jindirizzaw is-CSRs għandu jkompli jsir ukoll permezz tal-interfaċċa CeSaR ([42]). Għat-trasparenza, ir-rapport ta' sinteżi dwar l-implimentazzjoni tas-CSR li huwa ġġenerat mis-CeSaR dwar l-implimentazzjoni tas-CSR għandu jiġi mehmuż mal-APR (ara t-Tabella I tal-Anness għal din il-gwida). Ir-rapportar fit-test għandu jiffoka fuq dawk il-miżuri fejn ittieħdu azzjonijiet ta' politika ġodda mill-preżentazzjoni tal-aħħar APR — filwaqt li tiġi evitata r-ripetizzjoni ta' żviluppi diġà rrapportati qabel. B'mod partikolari, meta investiment jew riforma tkun għadha kif ġiet immarkata bħala "lesta," "imdewma" jew "mhux lesta" fit-Tabella APR 9, it-test tal-APR għandu jinkludi spjegazzjoni awtonoma *qasira* għall-bidla fl-istatus. Aktar dettalji rilevanti jeħtieġ li jiġu inklużi fit-test biss sa fejn dawn mhumiex diġà rrapportati fil-bażi tad-*data* CeSaR. F'każ ta' dewmien, aġġustamenti, jew nuqqas ta' tlestija, it-test tal-APR għandu jispjega wkoll kif l-Istat Membru biħsiebu jibqa' jilħaq l-objettivi li għandhom jiġu indirizzati mir-riformi u l-investimenti.

([40]) Għall-Istati Membri b'estensjoni tal-perjodu ta' aġġustament fiskali, it-Tabella APR 9 tinkludi riformi u investimenti għajr dawk li jirfdu l-estensjoni kif elenkati fir-rakkomandazzjoni tal-Kunsill li tapprova l-pjan fuq terminu medju, li huma koperti fit-Tabella APR 8.

([41]) F'każ ta' żbilanċi eċċessivi, ara t-taqsima li jmiss.

([42]) L-interfaċċa CeSaR tista' tiġi aċċessata fuq: https://webgate.ec.europa.eu/csr. Għat-tul tal-ħajja tal-RRF, ir-rapportar dwar is-CeSaR għandu jiffoka fuq l-indirizzar ta' dawk is-CSRs mhux koperti mill-RRPs.

*Tabella APR 9*

**Progress fir-riformi u l-investimenti**

| | | RRF / PA | CSR | Prijoritajiet komuni | Status "fit-triq it- |
|---|---|---|---|---|---|
| 1 | Investiment/riforma A | "XX" | CSRX.X; MIP rakkomanda | "XX" | Lest |
| … | … | … | … | … | … |
| X | Investiment/riforma X | "XX" | CSRX.X | "XX" | Imdewwem |

Noti: il-kolonna "RRF/PA" għandha tkun "RRF" jekk ir-riforma/l-investiment tkun/ikun ukoll parti mill-RRP tal-Istat Membru; "PA" jekk ir-riforma/l-investiment tkun/ikun appoġġata/appoġġat taħt il-kappa tal-ftehim ta' shubija tal-Istat Membru u tibqa' vojta f'każijiet oħra. Għar-riformi u l-investimenti li jirriżultaw mill-RRF, il-kolonna "RRF/PA" għandha tinkludi wkoll referenza għall-miżuri fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill rispettiva. F'konformità mal-kategoriji ta' rapportar f'FENIX, l-"istatus fit-triq it-tajba" għandu jindika jekk l-investiment jew ir-riforma huwiex/hijiex "fit-triq it-tajba" (ir-riforma/l-investiment hija/huwa fit-triq it-tajba biex titlesta/jitlesta kif ippjanat), "imdewma" (ir-riforma/l-investiment se titlesta/jitlesta aktar tard milli ppjanat u d-data ppjanata tat-tlestija tkun għadha ma għaddietx fiż-żmien tar-rapportar), "lesta" (ir-riforma/l-investiment tkun/ikun tlestiet/tlesta), jew "mhux lesta" (id-data ta' tlestija ppjanata tkun għaddiet saż-żmien tar-rapportar, iżda r-riforma/l-investiment tkun/ikun qed tesperjenza/jesperjenza dewmien u ma tistax/jistax/mhux se titlesta/jitlesta), bl-Istati Membri jagħżlu l-kategorija li - fil-fehma tagħhom - tikkorrispondi l-aktar mill-qrib mal-istat attwali.

**Għat-tul tal-ħajja tal-RRF, l-implimentazzjoni ta' kwalunkwe riforma u investiment tal-RRP inklużi fil-pjanijiet fuq terminu medju għandha tiġi rrapportata wkoll fl-APRs** (Artikolu 36) ([43]). Il-monitoraġġ ta' dawk l-impenji ta' riforma u ta' investiment, fi kwalunkwe każ, ikompli jseħħ fil-kuntest tal-RRF. Rapportar aktar dettaljat dwar l-implimentazzjoni tar-riformi u l-investimenti tal-RRP minn dak inkluż fit-Tabella APR 8 u t-Tabella APR 9 għandu jiġi pprovdut permezz tal-interfaċċa FENIX, bħala parti mit-talbiet għall-pagament u r-rapportar biannwali skont l-Artikolu 27 tar-Regolament RRF. L-Istati Membri huma mistiedna jinkludu rapport ta' sinteżi estratt mill-interfaċċa FENIX — inkluż l-aktar informazzjoni reċenti dwar ir-rapportar biannwali tal-RRF (ara t-Tabella II tal-Anness ta' din il-gwida), li jkun mehmuż mal-APR ([44]). Għar-riformi u l-investimenti koperti fit-Tabella APR 8 u t-Tabella APR 9, ir-rapportar fit-test għandu jiffoka fuq dawk il-miżuri fejn ittieħdu azzjonijiet ta' politika ġodda mill-preżentazzjoni tal-aħħar APR (jew, fil-każ tal-ewwel APR, mill-preżentazzjoni tal-pjan fuq terminu medju) — filwaqt li jiġu evitati ripetizzjonijiet mhux meħtieġa ta' żviluppi diġà rrapportati qabel. Meta investiment jew riforma tkun immarkata bħala "lesta," "imdewma" jew "mhux lesta" fl-APR, it-test għandu jinkludi spjegazzjoni awtonoma, iżda qasira. Lil hinn mill-ispjegazzjoni qasira, it-test tal-APR jeħtieġ biss li jkopri aktar dettalji (dwar riformi jew investimenti lesti, imdewma, jew mhux lesti li jirfdu estensjoni) sal-punt li tali informazzjoni ma tkunx diġà pprovduta permezz tal-interfaċċa FENIX — f'konformità mal-approċċ meħud għar-rapportar tas-CeSaR hawn fuq.

4.7. *Rapportar f'każ ta' proċedura ta' żbilanċ eċċessiv*

**F'każ ta' proċedura ta' żbilanċ eċċessiv skont il-Proċedura ta' Żbilanċ Makroekonomiku, l-APR għandu jirrapporta dwar l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet ta' politika li għandhom l-għan li jindirizzaw l-iżbilanċi eċċessivi** (Tabella APR 10). F'każ ta' ftuħ tal-proċedura ta' żbilanċ eċċessiv, il-pjan rivedut fuq terminu medju jservi wkoll bħala l-pjan ta' azzjoni korrettiva previst skont il-proċedura ta' żbilanċ eċċessiv (Artikolu 31(3)). Il-pjan għandu mbagħad jistabbilixxi l-azzjonijiet ta' politika speċifiċi li għandhom l-għan li jindirizzaw l-iżbilanċi eċċessivi — abbażi ta' rakkomandazzjoni tal-Kunsill, li tinkludi skeda ta' żmien għal dawk l-azzjonijiet. Għal kull waħda minn dawk l-azzjonijiet, l-APR għandu jirrapporta dwar il-progress miksub, b'mod partikolari mill-aħħar APR (jew, fil-każ tal-ewwel APR, mill-preżentazzjoni tal-

([43]) L-informazzjoni pprovduta fl-APRs ma tippreġudikax il-valutazzjoni tal-Kummissjoni tal-konformità ma' rekwiżiti speċifiċi skont l-RRF. F'każ li l-APR jirrapporta dwar bidliet fil-miżuri li diġà jkunu ġew ivvalutati b'mod pożittiv skont l-RRF, l-Istati Membri huma mistiedna jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar tali bidliet qabel ma jippreżentaw l-APR tagħhom.

([44]) Ir-rapport ta' sinteżi standard estratt mill-interfaċċa FENIX, li jinkludi r-riformi u l-investimenti kollha tal-RRP (mhux biss dawk inklużi fil-pjanijiet strutturali fiskali fuq terminu medju), għandu jiġi mehmuż.

pjan fuq terminu medju), u jispjega jekk humiex fit-triq it-tajba, imdewma, lesti, jew mhux lesti. Għal kull pass li jitlesta, it-test tal-APR għandu jiġġustifika għaliex l-Istat Membru jqis li din ir-riforma jew dan l-investiment ikunu tlestew — f'konformità mal-objettiv tiegħu. Għal kull azzjoni li tiġi mdewma jew li ma tkunx tlestiet, it-test tal-APR għandu jispjega (i) għaliex ikun seħħ id-dewmien jew in-nuqqas ta' tlestija, (ii) jekk kienx hemm ċirkostanzi oġġettivi li jistgħu jispjegaw dan id-dewmien, (iii) x'inhuma l-pjanijiet biex ilaħħqu mad-dewmien jew biex jagħmlu tajjeb għan-nuqqas ta' tlestija, kif ukoll x'inhi l-iskeda ta' żmien rilevanti, u (iv) jiddeskrivi kwalunkwe sforz ieħor li sar li jikkontribwixxi b'mod suffiċjenti għall-objettiv tal-azzjoni problematika. Filwaqt li l-APR jipprovdi rendikont annwali, il-monitoraġġ u r-rapportar relatat relatati mal-proċedura ta' żbilanċ eċċessiv jistgħu jsiru wkoll barra mill-kuntest tal-APR.

*Tabella APR 10*

**Progress fir-riformi u l-investimenti biex jiġu indirizzati l-iżbilanċi eċċessivi (pjan ta' azzjoni korrettiva)**

| | | Data ta' skadenza | Status "fit-triq it-tajba" |
|---|---|---|---|
| 1 | Investiment/riforma A | QX 20XX | Lest |
| ... | ... | ... | ... |
| X | Investiment/riforma X | QX 20XX | Fit-triq it-tajba |

4.8. *L-Annessi li għandhom jiġu inklużi mal-APR*

**L-APR għandu jinkludi rapportar komprensiv biżżejjed dwar l-implimentazzjoni tal-azzjoni ta' politika fit-twettiq tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli, il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, u b'rispons għall-prijoritajiet komuni l-oħra tal-UE** ([45]). Huwa rrakkomandat li din l-informazzjoni tiġi inkluża fl-annessi, iżda l-Istati Membri jistgħu jagħżlu wkoll li jintegraw din l-informazzjoni fl-APR innifsu. Din l-informazzjoni għandha tikkomplementa r-rapportar dwar l-implimentazzjoni tar-riformi u l-investimenti li ġie diskuss hawn fuq. Għandha tipprovdi ħarsa ġenerali komprensiva biżżejjed lejn ir-rispons ta' politika tal-Istat Membru għall-isfidi ewlenin tal-impjiegi, tal-edukazzjoni, tal-ħiliet u dawk soċjali (kif identifikati fl-aħħar Rapport tal-Pajjiż u r-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi, inkluż fl-analiżi tal-Kummissjoni dwar ir-riskji għall-konverġenza soċjali 'l fuq), li jikkontribwixxu għat-twettiq tal-prinċipji tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali. Din il-ħarsa ġenerali għandha tiġi kkomplementata b'informazzjoni li għandha tiġi pprovduta fit-Tabella III tal-Anness ta' din il-gwida. Bl-istess mod, l-annessi għandhom jinkludu ħarsa ġenerali komprensiva biżżejjed lejn l-investimenti u r-riformi implimentati mill-NECPs tal-Istati Membri, distinti mill-ħames dimensjonijiet tal-Unjoni tal-Enerġija (id-dekarbonizzazzjoni, l-effiċjenza enerġetika, is-sigurtà tal-enerġija, is-suq intern tal-enerġija, ir-riċerka, l-innovazzjoni u l-kompetittività), u l-impatt (stmat) tagħhom fuq id-dekarbonizzazzjoni, fejn applikabbli. Sabiex jiġi minimizzat il-piż amministrattiv, kontroreferenza għar-rapporti biennali ta' progress tal-NECPs — minħabba r-rilevanza tagħhom għall-prijorità komuni tal-UE dwar it-tranżizzjoni ekoloġika u tal-enerġija u għall-Pjanijiet Direzzjonali Strateġiċi tad-Deċennju Diġitali Nazzjonali — jew kwalunkwe dokument aktar reċenti li jirrapporta dwar il-politiki u l-miżuri rilevanti għandhom jiġu inklużi f'dawn l-annessi tal-APR. F'dawn l-annessi, l-Istati Membri huma mħeġġa wkoll jirrapportaw dwar l-impatt speċifiku tal-miżuri ta' politika dwar il-klima u tal-miżuri meħuda biex jintlaħqu l-miri u l-objettivi tad-Deċennju Diġitali meħuda bħala parti mill-impenji skont il-pjanijiet strutturali fiskali fuq terminu medju. Fir-rigward tar-rapportar dwar il-progress miksub lejn it-tranżizzjoni diġitali, l-Istati Membri għandhom jiżguraw il-konsistenza mar-rapportar tagħhom tal-progress diġitali lill-Kummissjoni għall-finijiet tal-Indiċi tal-Ekonomija u s-Soċjetà Diġitali (DESI) u għall-monitoraġġ tad-Deċennju Diġitali. Barra minn hekk, l-Istati Membri huma mħeġġa jagħmlu kontroreferenza għall-aħħar *data* mibgħuta lill-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tal-fondi tal-politika ta' koeżjoni, kif ukoll jirrapportaw dwar il-progress fl-indirizzar tad-disparitajiet ewlenin enfasizzati fil-kuntest tas-Semestru Ewropew, f'dawn l-annessi.

**CeSaR se tkompli tintuża għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni mill-Istati Membri tas-CSRs fil-kuntest tas-Semestru Ewropew**. Ir-rapport ta' sinteżi li huwa ġġenerat mis-CeSaR dwar l-implimentazzjoni tas-CSR (ara t-Tabella I tal-Anness tal-gwida) għandu jiġi mehmuż mal-APR. Bl-istess mod, matul il-ħajja tal-RRF, l-Istati Membri huma mistiedna jehmżu mal-APR ir-rapport ta' sinteżi estratt mill-FENIX (ara t-Tabella II tal-Anness ta' din il-gwida).

([45]) Dawn jirreferu għall-prijoritajiet li ġejjin: (i) tranżizzjoni ekoloġika u diġitali ġusta, inkluża l-konsistenza mal-Liġi Ewropea dwar il-Klima; (ii) ir-reżiljenza soċjali u ekonomika, inkluż il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali; (iii) is-sigurtà tal-enerġija; u (iv) fejn meħtieġ, it-tishih tal-mezzi ta' difiża.

*ANNESS*

*Tabella I*

**RAPPORTAR MILL-ISTAT MEMBRU ESTRATT MINN CeSaR**

**CSR.Sena.Nru**

CSR Sena Subparti Nru: Test tas-CSR

| Miżuri | |
|---|---|
| Entrata 1 | |
| Entrata 2 | |
| **Kummenti** | |
| Entrata 1 | |
| Entrata 2 | |
| **Qagħda attwali** | |
| Entrata 1 | |
| Entrata 2 | |

*Tabella II*

**RAPPORTAR MILL-ISTATI MEMBRU ESTRATT MINN FENIX**

**(għandu jitniżżel minn FENIX - fakultattiv)**

| Subparti tas-CSR | Isem il-miżura | Stadju importanti/isem fil-mira | Data ta' skadenza (Trimestru) | Status f'Fenix |
|---|---|---|---|---|
| | | | | |
| | | | | |
| | | | | |
| | | | | |
| | | | | |

*Tabella III*

**RAPPORTAR DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-PILASTRU EWROPEW TAD-DRITTIJIET SOĊJALI: IL-MIŻURI EWLENIN U L-IMPATT STMAT TAGĦHOM**

| Prinċipju tal-pilastru | Lista ta' miżuri ewlenin ta' kontribuzzjoni | Impatt stmat tal-miżuri (kwalitattiv u/jew kwantitattiv) |
|---|---|---|
| 1. Edukazzjoni, taħriġ u tagħlim tul il-ħajja | 1.<br>2.<br>3. | |
| 2. Ugwaljanza bejn il-ġeneri | 1.<br>2.<br>3. | |
| 3. Opportunitajiet indaqs | 1.<br>2.<br>3. | |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 4. | Appoġġ attiv għall-impjiegi | 1.<br>2.<br>3. | |
| 5. | Impjieg sigur u adattabbli | 1.<br>2.<br>3. | |
| 6. | Pagi | 1.<br>2.<br>3. | |
| 7. | Informazzjoni dwar il-kundizzjonijiet tal-impjieg u l-protezzjoni f'każ ta' sensji | 1.<br>2.<br>3. | |
| 8. | Djalogu soċjali u involviment tal-ħaddiema | 1.<br>2.<br>3. | |
| 9. | Bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata | 1.<br>2.<br>3. | |
| 10. | Ambjent tax-xogħol tajjeb għas-saħħa, sikur u adattat sew u l-protezzjoni tad-*data* | 1.<br>2.<br>3. | |
| 11. | Indukrar tat-tfal u appoġġ għat-tfal | 1.<br>2.<br>3. | |
| 12. | Protezzjoni soċjali | 1.<br>2.<br>3. | |
| 13. | Benefiċċji tal-qgħad | 1.<br>2.<br>3. | |
| 14. | Introjtu minimu | 1.<br>2.<br>3. | |
| 15. | Introjtu tax-xjuħija u pensjonijiet | 1.<br>2.<br>3. | |
| 16. | Kura tas-saħħa | 1.<br>2.<br>3. | |
| 17. | Inklużjoni tal-persuni b'diżabbiltà | 1.<br>2.<br>3. | |
| 18. | Kura fit-tul | 1.<br>2.<br>3. | |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 19. | Akkomodazzjoni u assistenza għal persuni mingħajr dar | 1.<br>2.<br>3. | |
| 20. | Aċċess għal servizzi essenzjali | 1.<br>2.<br>3. | |

*Tabella IV*

**RAPPORTAR DWAR L-SDGs: DESKRIZZJONI TAL-MIŻURI EWLENIN U L-IMPATT STMAT TAGĦHOM**

| SDG | | Lista ta' miżuri ewlenin ta' kontribuzzjoni | Impatt stmat tal-miżuri (kwalitattiv u/jew kwantitattiv) |
|---|---|---|---|
| 1. | Ebda faqar | 1.<br>2.<br>3. | |
| 2. | Ebda ġuħ | 1.<br>2.<br>3. | |
| 3. | Saħħa tajba u benesseri | 1.<br>2.<br>3. | |
| 4. | Edukazzjoni ta' kwalità | 1.<br>2.<br>3. | |
| 5. | Ugwaljanza bejn il-ġeneri | 1.<br>2.<br>3. | |
| 6. | Ilma nadif u sanitazzjoni | 1.<br>2.<br>3. | |
| 7. | Enerġija affordabbli u nadifa | 1.<br>2.<br>3. | |
| 8. | Xogħol deċenti u tkabbir ekonomiku | 1.<br>2.<br>3. | |
| 9. | Industrija, innovazzjoni u infrastruttura | 1.<br>2.<br>3. | |
| 10. | Tnaqqis fl-inugwaljanzi | 1.<br>2.<br>3. | |
| 11. | Bliet u komunitajiet sostenibbli | 1.<br>2.<br>3. | |
| 12. | Konsum u produzzjoni responsabbli | 1.<br>2.<br>3. | |

| | | |
|---|---|---|
| 13. Azzjoni klimatika | 1.<br>2.<br>3. | |
| 14. Il-ħajja taħt l-ilma | 1.<br>2.<br>3. | |
| 15. Il-ħajja fuq l-art | 1.<br>2.<br>3. | |
| 16. Paċi, ġustizzja u istituzzjonijiet b'saħħithom | 1.<br>2.<br>3. | |
| 17. Sħubiji biex jintlaħqu l-għanijiet | 1.<br>2.<br>3. | |